



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.5.2013  
COM(2013) 329 final

2011/0299 (COD)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej u li jirrevoka  
d-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### Kuntest ġenerali

Din l-inizjattiva hija stabbilita fl-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv<sup>1</sup>, fejn l-infrastrutturi diġitali jingħataw prijorità bħala parti mill-inizjattiva ewlenija "Aġenda Diġitali għall-Ewropa"<sup>2</sup>. Enfazzizata L-Aġenda Diġitali tfittex, fost l-oħrajn, li timplimenta servizzi onlajn transfruntieri, sabiex tiffaċilita l-mobbiltà tan-negozji u ċ-ċittadini. B'mod partikulari, l-interoperabbiltà tas-servizzi pubbliċi hija meħtieġa fejn il-leġislazzjoni u inizjattivi dwar is-suq intern (fosthom id-Direttiva dwar is-Servizzi, jew il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Akkwist Elettroniku) isserraħ fuq il-possibbiltà li n-negozji jinteraġixxu u jagħmlu negozju mal-amministrazzjonijiet pubbliċi b'mezzi elettroniċi u bejn il-fruntieri. L-Aġenda Diġitali tkompli tenfasizza il-ħtieġa li jiġu żgurati t-tnedija u l-użu tal-broadband għal kulħadd, b'veloċitajiet akbar, kemm permezz ta' teknoloġiji fissi kif ukoll permezz ta' teknoloġiji mingħajr fili, u li jiġi ffaċilitat l-investment f'netwerks tal-internet ġodda, ultraveloċi, miftuħa u kompetittivi li se jkunu huma l-arterji ta' ekonomija moderna futura. L-UE stabbilixxiet miri ambizzjużi għaliha nfisha f'termini ta' tnedija u użu tal-broadband sal-2020.

Fid-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni "Baġit għall-Ewropa 2020" dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss (MFF) (2014-2020)<sup>3</sup>, li jipproponi l-ħolqien ta' Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) biex tippromwovi t-tlestija tal-infrastrutturi ta' prijorità tal-enerġija, it-trasport u diġitali b'finanzjament uniku ta' EUR 40 biljun, li minnhom il-Kummissjoni pproponiet li EUR 9.2 biljun huma jiġu dedikati għal netwerks u servizzi diġitali.

Fit-8 ta' Frar 2013, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet dwar allokkazzjoni baġitarja ġdida, mill-MFF, ta' EUR 1 biljun għas-"CEF Diġitali". Abbażi ta' dan, illum il-Kummissjoni qiegħda ttipponi li timmodifika l-proposta tagħha għal Regolament dwar linjigwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej. Fil-mument tal-abbozzar ta' dan id-dokument, in-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss għadhom ma ġewx konklużi. B'mod simili, in-negozjati dwar il-proposta għal Regolament li jstabbilixxi s-CEF għadhom għaddejnin.

Il-proposta mmodifikata tqis, safejn possibbli, l-aktar pożizzjonijiet riċenti fil-Kunsill kif ukoll fil-komitat rilevanti tal-Parlament Ewropew. Timmira li tiffoka l-intervent tas-CEF fuq għadd iżgħar ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali, abbażi ta' sett ta' kriterji rigorużi għall-prijoritizzazzjoni, u kontribut limitat għall-broadband permezz ta' strumenti finanzjarji, bil-għan li jintrifed l-investment privat kif ukoll l-investment minn sorsi pubbliċi minbarra s-CEF. Minkejja l-kontribut finanzjarju limitat fir-rigward tal-broadband, il-proposta tfassal qafas li jippermetti kontributi usa' mingħand in-negozji u l-atturi istituzzjonali bħall-Bank Ewropew tal-Investment.

#### Għan tal-proposta

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jstabbilixxi serje ta' linji gwida li jkopru l-għanijiet u l-prijoritajiet previsti għan-netwerks tal-broadband u l-infrastrutturi tas-servizzi diġitali fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet fil-kuntest tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tas-CEF.

<sup>1</sup> COM(2010) 2020.

<sup>2</sup> COM(2010) 245.

<sup>3</sup> COM(2011)500/I finali u COM(2011)500/II finali (Noti tal-Politika).

Fl-anness, il-linji gwida jidentifikaw il-proġetti ta' interess komuni għall-użu ~~tan-netwerks tal-broadband~~ u tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali **u n-netwerks tal-broadband**. Dawn il-proġetti għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-kompetittività tal-ekonomija Ewropea inklużi l-impriżi żgħar u medji (SMEs), jipromwovu l-interkonnessioni u l-interoperabbiltà tan-netwerks nazzjonali, **reġjunali u lokali**, kif ukoll l-aċċess għal netwerks bħal dawn, u jappoġġaw l-iżvilupp ta' Suq Uniku Diġitali. ~~Għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju tal-UE taħt l-istrumenti disponibbli skont ir-Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa li jakkumpanja dan ir-Regolament.~~

~~L-approċċ f'dan ir-Regolament huwa li jimmira li jneħħi **Dan ir-Regolament jimmira li jneħħi** l-konġestjonijiet li jxekklu t-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali jiġifieri jipprovdi konnettività għan-netwerk u l-aċċess, inkluż fuq livell transkonfinali, għal infrastruttura ta' servizzi diġitali pubbliċi. Is-saded f'termini operazzjonali għan-netwerks tat-telekomunikazzjoni, b'kuntrast għal eż. finanzjament ta' triq ċirkolari (ring road) madwar belt kapitali li hija essenzjali għall-fluwidità f'kuritur tat-trasport, jikkonċernaw kemm l-aspetti fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll tad-domanda. Għan-naħa tal-provvista, il-limitazzjonijiet huma relatati ma' **sitwazzjoni subottimali tas-suq**, grad għoli ta' fallimenti tas-suq u l-mudelli tan-negozju konkomitanti dgħajfa għal investment fin-netwerks tal-broadband u t-twassil ta' servizzi essenzjali ta' interess pubbliku (eż. is-Saħħa elettronika, l-Identità elettronika, l-Akkwist elettroniku u l-interoperabbiltà transkonfinali tagħhom). Min-naħa tad-domanda, is-Suq Uniku Diġitali bil-potenzjal ta' tkabbir konsiderevoli tiegħu jiddependi fuq is-sitwazzjoni fejn iċ-ċittadini, **in-negozji u l-amministrazzjonijiet** kollha jkunu konnessi man-netwerks diġitali.~~

~~Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa timmira li tuża strumenti finanzjarri innovattivi sabiex tinċentivizza l-investment fl-infrastruttura billi tnaqqas ir-riskju tal-investment u billi tipprovdi finanzjament għal perjodu itwal ta' żmien kemm għall-investituri alternattivi kif ukoll għal dawk stabbiliti. L-istrumenti finanzjarri innovattivi jipprovdu effett ta' ingranaġġ importanti fuq l-investment privat u l-investment pubbliku ieħor filwaqt li xorta waħda jiddependu fuq il-mekkaniżmi tas-suq. Fejn il-każ tan-negozju għall-investment fl-infrastruttura jkun partikolarment dgħajf, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tipprevedi wkoll il-possibbiltà li toffri kofinanzjament permezz ta' għotjiet.~~

~~Fil-qasam tan-netwerks tal-broadband, l-azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-broadband għandhom jappoġġaw investimenti f'netwerks li, sal-2020, kapaċi jilhq u l-miri tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa ta' kopertura universali ta' 30Mbps; jew li jkollhom mill-anqas 50% tad-djar abbonati għal veloċitajiet oġhla minn 100Mbps. Se jinħoloq portafoll bilanċjat ta' proġetti ta' 30 u 100Mbps u għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-ħtiġijiet ta' investment tal-Istati Membri li b'mod indikattiv huma vvalutati li jlaħħqu sa EUR 270 biljun.~~

~~Għall-infrastruttura **infrastrutturi** tas-servizz diġitali, il-konġestjonijiet f'termini ta' użu tas-servizzi fi ħdan l-oqfsa interoperabbli huma indirizzati permezz **tal-akkwist pubbliku u ta' skemi ta' għotja diretta**, f'ċerti każijiet **l-iktar b'finanzjament sħiħ ta' pjattaformi fuq il-livell tal-UE**, b'rati għoljin ta' kofinanzjament għaliex ma hemmx sidien fiżiċi ta' infrastruttura Ewropea tas-servizz interoperabbli. Fil-fatt, la l-Istati Membri individwali, u lanqas l-investituri privati ma jkunu jiżguraw l-użu **ta' servizzi transfruntieri** tas-servizzi fi ħdan l-oqfsa interoperabbli. Għaldaqstant, il-valur miżjud tal-UE huwa għoli.~~

~~Il-proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali **jagħtu l-ewwel prijorità lil elementi modulari** kif elenkati fl-Anness jinkludu l-konnessjonijiet bażi (backbone) trans-Ewropej ta' veloċità għolja għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, it-twassil transkonfinali ta' servizzi ta' Gvern elettroniku bbażat fuq identifikazzjoni u awtentikazzjoni~~

interoperabbli (eż. proċeduri elettroniċi għall-Ewropa kollha: għall-istabbiliment ta' negozju; għall-akkwist transkonfinali, il-Ġustizzja elektronika, is-servizzi transkonfinali tas-Saħħa elektronika); awtorizzazzjoni tal-aċċess għal informazzjoni tas-settur pubbliku, inkluż ir-riżorsi diġitali ta' wirt Ewropew, data.eu u riżorsi multilingwi; sikurezza u sigurtà (internet aktar sikur u infrastrutturi kritiċi tas-servizz) u servizzi ta' enerġija intelliġenti. Proġetti ta' interess komuni jistgħu jinkludu wkoll l-operat ta' servizzi elettroniċi pubbliċi implimentati taħt programmi Komunitarji oħrajn bħall-programm ISA ("Interoperability solutions for European public administrations" – "Soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej"). **Fuq bażi annwali, skont il-finanzjament disponibbli, se jiġu identifikati Infrastrutturi ta' Servizzi Diġitali speċifiċi fl-Anness bil-għan li jiġu implimentati.**

**Għan-netwerks tal-broadband, l-ammont ta' riżorsi disponibbli skont dan ir-Regolament se jkun żgħir. Filwaqt li jibqa' validu r-razzjonal favur appoġġ finanzjarju pubbliku f'oqsma fejn l-investiment privat mhuwiex biżżejjed, l-appoġġ pubbliku jkollu jiġi primarjament minn sorsi differenti mis-CEF, b'mod partikulari minn sorsi nazzjonali u mill-Fondi Ewropej Strutturali u tal-Investiment, fejn it-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni x'aktarx jiġu inklużi fost l-għanijiet tematiċi koperti mir-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni ta' prijoritajiet tematiċi.**

**Madankollu, fid-dawl tal-importanza ewlenija tan-netwerks tal-broadband għat- tkabbir u għall-impjeggi, u fid-dawl tal-isfidi – kemm finanzjarji u kemm tekniċi – marbutin mal-investiment pubbliku f'dan is-settur, dan ir-Regolament jipprevedi intervent limitat ta' abilitazzjoni. Is-CEF se jiffinanzja kontribut żgħir lejn l-istabbiliment ta' strumenti finanzjarji fil-livell tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "l-Unjoni"), b'mod partikulari f'kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment, bil-potenzjal li jiffaċilita l-użu effiċjenti ta' riżorsi oħra pubbliċi kif ukoll privati. Għaldaqstant, is-CEF waħdu jkun jista' jiffinanzja biss għadd limitat ta' proġetti tal-broadband, iżda minbarra dan, se jiffaċilita l-allokazzjoni effiċjenti, pereżempju, tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (ESIF), billi jippermetti lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni jagħmlu kontribut mill-programmi operattivi. Tali kontributi se jkunu ddelimitati għall-użu fl-Istat Membru jew fir-reġjun ikkonċernat, u jistgħu jiffaċilitaw massa kritika u ekonomiji ta' skala fit-twassil ta' proġetti. Fl-istabbiliment ta' qafas li jippermetti kontributi usa' mingħand in-negozji u l-atturi istituzzjonali, il-proposta tfittex li tkattar il-livell ta' kontributi lejn il-proġetti ta' broadband ta' interess komuni, ħafna lil hinn mill-finanzjament abilitat permezz tar-Regolament.**

L-azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju tal-UE taħt l-istrumenti disponibbli taħt ir-Regolament li jistabbilixxi s-CEF<sup>4</sup> l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Għaldaqstant, din il-proposta għandha tinqara flimkien mal-proposta għal dak ir-Regolament. Ir-Regolament jistipula wkoll il-kriterji għall-identifikazzjoni ta' proġetti ġodda ta' interess komuni, abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-prijoritajiet politiċi li jinbidlu, l-iżviluppi teknoloġiċi jew is-sitwazzjoni fis-swieq rilevanti.

## **2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

Fir-rigward tat-tnedija tal-broadband, saru diversi konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, l-industrija u partijiet interessati soċjali. B'mod partikolari, dawn kienu jinkludu laqgħa tal-Viċi President Kroes ma' Kapijiet Eżekuttivi minn kumpaniji ta' fornituri tal-kontenut, fabbrikanti

<sup>4</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

tat tagħmir, investituri u operaturi tat-telekomunikazzjonijiet mill-kumpaniji ewlenin tad-dinja bħal Nokia, Alcatel Lucent, Google, Ericsson, News Corp, eċċ., u l-ewwel Assemblea tal-Aġenda Diġitali, li seħħet ġewwa Brussell fis-16 u s-17 ta' Ġunju 2011, li laqqgħet flimkien iżjed minn 1,000 parti interessata mis-setturi pubbliċi u privati, kif ukoll is-soċjetà ċivili. F'dawn l-okkażjonijiet u diversi okkażjonijiet oħra, il-partijiet interessati kkondividew b'mod ġenerali l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-mudell eżistenti ta' investiment fit-telekomunikazzjoni mhux biżżejjed sabiex tinkiseb it-tnejdja ta' infrastrutturi li ma jisswewx ħafna flus u ta' kwalità għolja tal-broadband għaċ-ċittadini Ewropej kollha, u jilqgħu b'sodisfazzjon il-pjanijiet tal-Kummissjoni għall-użu ta' investiment pubbliku mmirat, eż. permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi, għall-ingranaġġ tal-investiment meħtieġ fl-infrastruttura biex jappoġġa mudelli ta' investiment alternattivi u aktar sostenibbli.

F'abbozz ta' rapport dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) tal-ġejjieni, il-Parlament Ewropew irrikonoxxa l-importanza tal-użu tal-baġit għall-ingranaġġ tal-investiment fil-broadband.

Rigward l-infrastrutturi tas-servizz diġitali transkonfinali, il-Kummissjoni ilha taħdem ma' diversi gruppi ta' partijiet interessati għal bosta snin. L-evalwazzjonijiet u l-pariri tal-esperti dwar l-attivitajiet eżistenti, bħall-Europeana (għall-wirt kulturali) jew il-programm Safer Internet ġeneralment jitolbu li l-attivitajiet jtkomplew u jinfirxu.

**Fid-dawl tat-tnaqqis indikattiv fil-baġit minn EUR 9.2 biljun għal EUR 1 biljun, hemm ħtieġa evidenti li jiġi limitat l-ambitu tal-programm. Għall-infrastrutturi tas-servizzi diġitali, dan jista' jinkiseb jew billi jitnaqqas l-għadd ta' servizzi proposti oriġinalment, jew billi jiġi introdott sett ta' kriterji aktar stretti ta' finanzjament. Fil-fatt, il-proposta preżenti tal-Kummissjoni tagħmel it-tnejn li huma: Żewġ servizzi ma nżammewx fl-Anness ta' din il-proposta ("Konnessjonijiet bażi trans-Ewropej ta' veloċità għolja għall-amministrazzjonijiet pubbliċi", "Soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal netwerks tal-enerġija intelliġenti u għall-forniment ta' Servizzi tal-Enerġija Intelliġenti") għal raġunijiet baġitarji, filwaqt li żdiedet infrastruttura ta' servizz ġenerali (ara isfel).**

**Fid-deliberazzjonijiet leġiżlattivi li saru s'issa, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar it-Telekomunikazzjonijiet issuġġerixxa li jiżdiedu infrastrutturi addizzjonali ta' servizzi diġitali dwar "Proċeduri elettroniċi għall-moviment minn pajjiż għall-ieħor", "Pjattaforma Ewropea għall-interkonnessjoni tas-servizzi tal-impjiegi u tas-sigurtà soċjali", u "Pjattaformi ta' kooperazzjoni amministrattiva onlajn". Għal raġunijiet baġitarji, ma nżammewx kollha fl-Anness ta' din il-proposta.**

**Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija tal-Parlament Ewropew żied infrastrutturi addizzjonali ta' servizzi diġitali dwar "L-użu ta' infrastrutturi fit-trasport pubbliku li jippermettu l-użu ta' servizzi ta' prossimità sikuri u interoperabbli", "Pjattaforma ta' Soluzzjoni Onlajn għat-Tilwim", "Pjattaforma Ewropea ta' Aċċess għar-Riżorsi Edukattivi", u "Servizzi ta' fatturar elettroniċi transkonfinali interoperabbli". Uħud minn dawn inżammew fl-Anness ta' din il-proposta.**

**Fil-qasam tal-broadband, il-programm jew ma setax jipprevedi intervent, jew ma setax jipprovdi għal intervent limitat li jfittex li jirfed fondi privati u pubbliċi oħra. Billi se jkun hemm fondi tal-UE disponibbli għall-broadband taħt l-ESIF, b'mod partikulari bħala r-raba' prijorità ta' konċentrazzjoni tematika fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, u billi l-użu ta' fondi strutturali għall-broadband kien ta' sfida, din il-proposta tipprevedi li tistabbilixxi strumenti finanzjarji bil-għan li jipprovdu mod effiċjenti għall-allokar, fost l-oħrajn, ta' fondi strutturali.**

Il-Kunsill u l-Parlament qablu li l-intervent ma għandux jisposta l-investment privat. Iż-żewġ istituzzjonijiet qablu wkoll li l-intervent għandu jissejjes fuq il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika – madankollu, il-PE daħħal miri ta' veloċitajiet ta' trażmissjoni ambizzjużi ħafna ("1Gbps fejn possibbli u aktar"), filwaqt li ċerti Stati Membri fittxu li jillaxkaw il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni li torbot l-intervent tas-CEF mal-mira tat-tieni Aġenda Diġitali għall-Ewropa, ta' 30 Mbps. Billi tisħaq li l-fondi tal-UE jiġu pprijoritizzati lejn teknoloġiji tal-ogħla livell, filwaqt li tagħti lill-Istati Membri flessibilità fl-għażla tal-proġetti fil-pajjiżi tagħhom li għandhom igawdu mill-aċċess għal fondi fit-tul, din il-proposta tikkonferma r-rabta mal-miri tal-Aġenda Diġitali, filwaqt li iżżomm l-ispirtu tal-preferenzi espressi miż-żewġ istituzzjonijiet. Kien hemm aktar diskussjonijiet dwar il-metodu ppreferut ta' intervent, jiġifieri għotjiet jew strumenti finanzjarji (self, garanziji, bonds tal-proġetti, ekwità). Fid-dawl tar-riżorsi limitati, din il-proposta tipprovdi biss għall-istabbiliment ta' strumenti finanzjarji, bħala sorsi ta' fondi fit-tul ipprezzati b'mod effiċjenti, allinjati mal-ħtiġijiet infrastrutturali.

Dwar punti orizzontali, il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni pprevediet setgħat ta' atti ddelegati biex jemendaw il-lista ta' Proġetti ta' Interess Komuni fl-Anness. Din il-proposta tqis it-tħassib espress b'mod partikulari mill-Istati Membri, u minflok, tipprevedi kitba suffiċjentement flessibbli fl-Anness, u tagħraf li l-aġġustamenti meħtieġa għall-programmi se jsiru permezz ta' Att ta' Implimentazzjoni.

Matul in-negożjati leġiżlattivi u baġitarji, is-CEF ġie appoġġjat minn għadd ta' organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati, fosthom Digital Europe, il-Fondazzjoni Europeana, il-Public Sector Information Alliance, il-Multilingual Europe Technology Alliance, il-European Telecommunications Network Operators' Association, il-European Competitive Telecommunications Association, u l-FTTH Council.

Ir-rapport oriġinali dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt, li sar fl-2011, iddiskuta jiddiskuti żewġ alternattivi. L-ewwel, l-alternattiva bażika tipprevedi pprevediet li ma għandu jiġi allokat l-ebda finanzjament tal-UE għall-broadband ħliet, potenzjalment, permezz tal-ESIF ~~fondi strutturali~~ u t-tkomplija tal-Programm Kompetittività u Innovazzjoni għall-infrastrutturi tas-servizz diġitali fl-iskala tal-piloti biss. F'dan ix-xenarju ma jinkisbu l-ebda massa kritika jew użu ta' servizzi diġitali, l-investment fil-broadband ikompli jkun mhux suffiċjenti u ffinanzjat b'mod ineffiċjenti f'bosta reġjuni minħabba n-nuqqas ta' pressjoni kompetittiva u r-riskju kummerċjali għoli. B'mod ekwu, is-servizzi pubbliċi online jistgħu jkunu mistennija li jibqgħu mhux żviluppati biżżejjed u mhux interoperabbli bejn il-fruntieri minħabba l-frammentazzjoni tal-isforzi jew sforzi u s-soluzzjonijiet tekniċi subottimali, in-nuqqas ta' massa kritika, l-ispejjeż għolja għall-fornituri tas-servizzi u l-benefiċjarji tas-servizzi. Għalhekk, din l-alternattiva ma tagħtix kontribut għall-kisba tas-Suq Uniku Diġitali, u bosta Ewropej ikomplu jitolfu l-opportunitajiet diġitali.

It-tieni alternattiva tipproponi għodda għodod ta' finanzjament li jikkumplementaw u jirfdu ~~tkun tikkumplementa~~ r-riżorsi ta' finanzjament disponibbli bħalissa taħt l-ewwel alternattiva. Din hija l-linja ta' azzjoni inkluża fil-proposta tal-MFF maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea fid-29 ta' Ġunju 2011, li toħloq "Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" biex tiffinanzja l-~~infrastruttura~~. Il-faċilità l-ġdida se tiffinanzja proġetti ta' infrastruttura b'valur miżjud tal-UE għoli, mhux biss infrastruttura 'iebsa', iżda wkoll infrastruttura 'ratba u intelliġenti' u strutturi amministrattivi biex jiġu realizzati n-"netwerk ċentrali" tat-trasport, il-"kurituri ta' prijorità" tal-enerġija kif ukoll l-infrastruttura diġitali. Il-faċilità tkun qed timmira proġetti b'valur miżjud Ewropew għoli, bħall-interkonnnessjonijiet transkonfinali jew l-użu ta' sistemi għall-UE kollha, li jridu jiġu implimentati sal-2020. Sabiex jiġi massimizzat l-impatt, dispożizzjonijiet xierqa jkunu qed jassiguraw il-kombinazzjoni ta' strumenti bbażati fuq is-

suq u appoġġ dirett mill-UE, sabiex tittejjeg il-parteċipazzjoni ta' investituri fl-infrastruttura speċjalizzata. Fil-każ tal-għotjiet, il-Kummissjoni tkun qed tibqa' responsabbli għall-ippjanar kumplessiv u l-alternattiva tal-proġetti, bl-appoġġ possibbli ta' aġenzija eżekuttiva, filwaqt li daww li jipromwovu l-proġetti jkunu qed jiżguraw l-implimentazzjoni fiżika fuq il-post. Fil-każ tal-istrumenti finanzjarji, l-implimentazzjoni se tiġi delegata lil istituzzjonijiet finanzjarji speċjalizzati, iżda l-Kummissjoni se tiddetermina l-eliġibbiltà. L-Istati Membri se jikkontribwixxu għall-isforz billi jiżviluppaw pjanijiet nazzjonali għall-internet b'veloċità għolja f'konformità mal-miri tal-broadband, filwaqt li l-immappjar tal-infrastruttura u s-servizzi tal-broadband (fuq il-livell tal-UE u nazzjonali/reġjonali) se jidentifika n-nuqqasijiet fil-kopertura u jstimula inizzjattivi minn multipliċità ta' investituri privati u pubbliċi. **Il-proposta l-ġdida ma tibdilx b'mod fundamentali l-ispirtu jew il-metodi ta' intervent analizzati fit-tieni alternattivi, iżda tnaqqas l-ambitu tiegħu permezz ta' kriterji aktar stretti ta' eliġibbiltà.**

**Għadd kbir ta' servizzi diġitali transfruntieri, li jimplementaw skambji bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej b'appoġġ għall-politiki tal-UE, huma realtà. Meta niġu biex nipprovdur soluzzjonijiet ġodda, huwa importanti li nisfruttaw is-soluzzjonijiet eżistenti implimentati fil-kuntest ta' inizzjattivi Ewropej oħra, li nevitaw id-duplikazzjoni tax-xogħol, u li niżguraw il-koordinazzjoni u l-allinjar tal-approċċi u s-soluzzjonijiet fost l-inizzjattivi u l-politiki, fosthom, ngħidu aħna, il-programm tal-ISA, il-programm Fiscalis, u Orizzont 2020.**

### 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

#### Bażi legali

Ir-Regolament propost se jħassar u jieħu post id-Deċiżjoni 1336/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar serje ta' linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej.

L-intervent propost se jkun skont l-Artikolu 172 tat-TFUE, li jipprovdi bażi legali għall-intervent tal-UE b'appoġġ għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej fl-oqsma tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjonijiet u tal-enerġija.

#### Sussidjarjetà u proporzjonalità

L-iżvilupp ikkoordinat ta' netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej biex jappoġġaw l-użu tal-infrastrutturi tal-broadband u l-promozzjoni tas-servizzi fi ħdan is-suq uniku Ewropew u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, jirrikjedi li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni billi l-azzjonijiet ma setgħux jittieħdu b'mod individwali mill-Istati Membri.

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, u tibqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjoni fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej, kif definit fl-Artikolu 170 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

#### Alternattiva tal-istrument legali

Il-Linji gwida preżenti dwar it-Telekomunikazzjonijiet ġew proposti u adottati bħala **Deċiżjoni** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li hija indirizzata speċifikament lill-Istati Membri, li tagħmel il-Linji gwida jorbtu fl-intier tagħhom għall-Istati Membri kollha.

Madankollu, l-istrument se jiffaċilita b'mod partikolari l-użu tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet u l-promozzjoni tas-servizzi minn entitajiet privati (inklużi operaturi, utilitajiet, manifatturi tat-tagħmir, eċċ.) u awtoritajiet reġjonali u lokali. B'aktar atturi apparti l-Istati Membri involuti fl-ippjanar, l-iżvilupp u l-operat ta' netwerks tat-telekomunikazzjonijiet diġitali, huwa importanti li jiġi assigurat li l-Linji gwida jkunu

vinkolanti għal kulħadd. Il-Kummissjoni għalhekk għażlet Regolament bħala l-istrument legali għal din il-proposta.

### **Finanzjament**

Proġetti ta' interess komuni għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju mill-UE taħt l-istrumenti disponibbli skont ir-Regolament li jstabbilixxi s-CEF [XX/20012]. L-appoġġ finanzjarju għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli u l-proċeduri rilevanti adottati mill-Unjoni, il-prijoritajiet tal-finanzjament u d-disponibbiltà tar-riżorsi.

### **Delega ta' setgħat**

In-netwerks tat-telekomunikazzjoni qegħdin jevolvu b'pass mgħaġġel u l-lista ta' proġetti ta' interess komuni tista' jkollha bżonn tiġi modifikata fil-ġejjieni biex tirrifletti din l-evoluzzjoni mgħaġġla. Sabiex dan jitwettaq, huwa propost li s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni.

### **Implikazzjonijiet għal proposti oħra tal-Kummissjoni**

**Din il-modifika tal-proposta tal-Kummissjoni tolqot portafoll ieħor li bħalissa għaddej mill-proċess leġislattiv, jiġifieri r-Regolament li jstabbilixxi s-CEF. Dan ir-Regolament jiddetermina l-kundizzjonijiet, il-metodi u l-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lin-netwerks trans-Ewropej tat-trasport, lis-settur tal-enerġija, u lis-settur tat-telekomunikazzjonijiet.**

**Il-bidliet meħtieġa mhux se jolqtu l-elementi orizzontali tar-Regolament tas-CEF, minbarra billi jimmarkaw ir-Regolament tal-ŻEE bħala rilevanti, sabiex jippermetti l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi taż-ŻEE.**

**Il-bidliet fir-Regolament tas-CEF se jkunu limitati, u jistgħu jinkludu r-riformulazzjoni ta' ċerti premessi biex jirriflettu l-bidla fl-enfasi tal-intervent u l-aġġustament jew it-tħassir ta' ċerti dispożizzjonijiet, inkluż l-Artikolu 7(4) dwar l-eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet, u l-Artikolu 10(4)(b) dwar ir-rati ta' finanzjament għall-azzjonijiet fil-qasam tal-broadband. Fl-Artikolu 20, id-delega ta' setgħa biex temenda l-parti tal-Anness li tikkonċerna t-telekomunikazzjonijiet ma tibqax neċessarja.**

## **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta mhux se tinvolvi xi spiża addizzjonali għall-baġit tal-UE..

Il-proposta għal Regolament dwar il-linjigwida għall-implimentazzjoni tan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej hija marbuta mal-proposta għal Regolament li jstabbilixxi s-CEF l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF—Connecting Europe Facility) li se tipprovidi l-qafas leġislattiv u finanzjarju. **Il-proposta tal-Kummissjoni għal MFF ġdid ipprevediet ammont ta' Ammont ta' EUR 9.2 biljun<sup>5</sup> qed jiġi allokat għat-telekomunikazzjonijiet fi ħdan il-pakkett tas-CEF. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Frar 2013 dwar l-MFF tal-2014-2020 għall-parti tat-telekomunikazzjonijiet tas-CEF stabbilew ammont ta' EUR 1.0 biljun (fi prezzijiet tal-2011). L-ammont aħħari allokat għat-telekomunikazzjonijiet se jkun magħruf ladarba jintlaħaq il-qbil politiku dwar il-figuri tal-MFF, u ladarba l-bażi legali ġdida tkun ġiet adottata mill-Awtorità Leġislattiva.**

<sup>5</sup> Iċ-ċifri jingħataw fi prezzijiet kostanti tal-2011



Proposta emendata għal

## REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>6</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>7</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) In-netwerks u s-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet qegħdin isiru infrastrutturi dejjem aktar ibbażati fuq l-internet, b'interrelazzjoni mill-qrib bejn in-netwerks tal-broadband u s-servizzi diġitali. L-internet qiegħed isir il-pjattaforma dominanti għall-komunikazzjoni, is-servizzi, u biex isir in-negozju. Għalhekk, id-disponibbiltà trans-Ewropea ta' aċċess veloċi għall-internet u s-servizzi diġitali fl-interess pubbliku hija essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u s-Suq Uniku.
- (2) Fis-17 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew approva l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa<sup>8</sup>, li timmira li twitti t-triq biex timmassimizza l-potenzjal soċjali u ekonomiku tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Tfittex li tixpruna l-provvista u d-domanda ta' infrastruttura kompetittiva tal-internet b'veloċità għolja u servizzi diġitali kompetittivi bbażati fuq l-internet, sabiex navvanzaw lejn Suq Uniku Diġitali ta' veru, li huwa essenzjali għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.**
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru [.../...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)<sup>9</sup> jiddetermina l-kundizzjonijiet, il-metodi u l-proċeduri għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja tal-Unjoni lin-netwerks trans-Ewropej tat-trasport, tal-enerġija u tal-komunikazzjoni diġitali. Billi hemm sfidi u opportunitajiet simili fis-setturi koperti mir-Regolament tas-CEF, hemm lok sinifikanti għall-isfruttar ta'**

<sup>6</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>7</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>8</sup> **COM(2010) 245 finali/2.**

<sup>9</sup> ĠU [...], [...], p. [...].

sinerġiji, inkluż billi jiġi kkombinat il-finanzjament tas-CEF ma' sorsi oħra ta' finanzjament.

- (4) Għadd kbir ta' servizzi diġitali transfruntieri, li jimplimentaw skambji bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej b'apoġġ għall-politiki tal-UE, huma realtà. Meta niġu biex nipprovdur soluzzjonijiet ġodda, huwa importanti li nisfruttaw is-soluzzjonijiet eżistenti implimentati fil-kuntest ta' inizzjattivi Ewropej oħra, li nevitaw id-duplikazzjoni tax-xogħol, u li niżguraw il-koordinazzjoni u l-allinjar ta' approċċi u soluzzjonijiet fost l-inizzjattivi u l-politiki, fosthom, ngħidu aħna, il-programm tal-ISA, il-programm Fiscalis, u Orizzont 2020. B'mod simili, huwa importanti li s-soluzzjonijiet jikkonformaw ma' standards, speċifikazzjonijiet u orjentazzjonijiet miftiehma, bħall-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà għas-servizzi pubbliċi Ewropej (EIF)<sup>10</sup>.
- (5) Proġetti pilota fuq skala kbira bejn l-Istati Membri, kofinanzjati mill-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, fosthom PEPPOL, STORK, epSOS, eCODEX jew SPOCS, ivvalidaw servizzi diġitali transfruntieri ewlenin fis-sug intern, abbażi ta' elementi modulari komuni. Dawn diġà ntlaħqu, jew se jilhqg fil-futur qrib, il-livell ta' maturità meħtieġa għall-implimentazzjoni. Il-proġetti eżistenti ta' interess komuni diġà ddemostraw il-valur miżjud evidenti tal-azzjoni fuq il-livell Ewropew, bħal fl-oqsma tal-wirt kulturali (Europeana), il-protezzjoni tat-tfal (Internet Aktar Sikur), is-sigurtà soċjali (EESSI), filwaqt li ġew proposti oħrajn, bħal fil-qasam tal-ħarsien tal-konsumaturi (ODR).
- (6) Infrastrutturi ta' servizzi diġitali implimentati skont id-Deċiżjoni 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej<sup>11</sup> se jiffaċilitaw l-interazzjoni elettronika bejn il-fruntieri u bejn is-setturi fost l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej. Dan, min-naħa tiegħu, se jippermetti l-għoti ta' servizzi essenzjali, fost l-oħrajn f'oqsma bħall-identifikazzjoni u l-akkwist elettroniku, l-interkonnnessjoni transfruntiera tar-reġistri tan-negozji, servizzi tas-saħħa elettroniki transfruntiera u interoperabbli, kif ukoll il-kooperazzjoni transfruntiera dwar iċ-ċibersigurtà, b'mod li jikkontribwixxi lejn is-Suq Uniku Diġitali. Tali interazzjoni fost l-amministrazzjonijiet se tinkiseb bil-ħolqien u/jew bit-tisħiħ ta' pjattaformi interoperabbli ta' servizzi ewlenin, mibnija fuq elementi modulari komuni eżistenti, u/jew billi jiġu pprovduti elementi modulari addizzjonali essenzjali għall-iżvilupp ta' pjattaformi oħra ta' servizzi ewlenin, u servizzi ġeneriċi relatati li jorbtu l-infrastrutturi nazzjoanli ma' pjattaformi ta' servizzi ewlenin għat-twassil ta' servizzi diġitali transfruntiera.
- (7) Fir-rigward tal-infrastrutturi ta' servizzi diġitali, l-elementi modulari se jieħdu l-prijorità fuq infrastrutturi oħra ta' servizzi diġitali, billi tal-ewwel huma prekondizzjoni għal tat-tieni. Fost l-oħrajn, l-infrastrutturi ta' servizzi diġitali għandhom joħlqu valur miżjud u jilhqg b'zonnijiet ipprovat. Għandhom ikunu maturi biżżejjed għall-implimentazzjoni, teknikament kif ukoll operazzjonalment, kif ikun ġie pprovat b'mod partikulari permezz ta' proġetti pilota b'suċċess. Għandhom jissejju fuq pjan konkret ta' sostenibbiltà sabiex jiżguraw l-operat fit-tul tal-pjattaformi ta' servizzi ewlenin lil hinn mis-CEF.

<sup>10</sup> Anness II ta' COM(2011) 744 finali.

<sup>11</sup> Id-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA); ĠU L 260, 3.10.2009, p. 20.

B'hekk, l-għajnuna finanzjarja fil-qafas ta' dan ir-Regolament, kull fejn possibbli, għandha titneħħa b'mod progressiv, u għandhom jiġu mmobilizzati fondi minn sorsi oħra lil hinn mis-CEF.

- (8) L-infrastrutturi ta' servizzi diġitali li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-obbligi legali skont il-liġi tal-UE u/jew li qegħdin jiżviluppaw jew jipprovdu elementi modulari, b'potenzjal ta' impatt qawwi fuq l-iżvilupp ta' servizzi pubbliċi pan-Ewropej, għandhom jiġu pprijoritizzati għall-finanzjament, sabiex jiġu appoġġjati infrastrutturi multipli ta' servizzi diġitali, u sabiex tinbena progressivament ekosistema ta' interoperabbiltà Ewropea. F'dan il-kuntest, l-obbligi legali jfissru dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrikjedu jew l-iżvilupp jew l-użu ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali, jew li jirrikjedu riżultati li jistgħu jinkisbu biss permezz ta' infrastrutturi Ewropej ta' servizzi diġitali.
- (9) L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li jkunu involuti bis-sħiħ u b'mod effettiv fil-governanza tal-infrastrutturi ta' servizzi diġitali, u għandhom jiżguraw li l-proġetti ta' interess komuni marbutin mat-twassil transfruntier ta' servizzi ta' gvern elettroniku iqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-EIF.
- (10) Fir-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2011 dwar "Il-broadband Ewropew: investiment fi tkabbir ekonomiku mmexxi diġitalment"<sup>12</sup>, il-Parlament Ewropew saħaq li s-servizzi tal-broadband huma essenzjali għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni, u jikkontribwixxi bil-kbir lejn it-tkabbir ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità fl-Unjoni.
- (11) L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa tistipula li, sal-2020, l-Ewropej kollha għandu jkollhom aċċess għal veloċitajiet tal-internet 'il fuq mit-30 Mbps, u 50% jew aktar mid-djar Ewropej għandhom ikunu abbonati għal konnessjonijiet tal-internet ta' 'l fuq minn 100 Mbps.
- (12) Is-settur privat għandu jiżvolġi rwol ewlieni fl-iskjerament u l-immodernizzar tan-netwerks tal-broadband, b'appoġġ ta' qafas regulatorju kompetittiv u favur l-investiment. Fejn l-investiment privat ma jkunx biżżejjed, l-Istati Membri għandhom iwettqu l-isforzi meħtieġa biex jilħqu l-miri tal-Aġenda Diġitali. L-għajnuna finanzjarja pubblika għall-broadband għandha tkun limitata għal programmi jew inizjattivi li jimmiraw proġetti li ma jistgħux jiġu ffinanzjati biss mis-settur privat, kif ikkonfermat minn valutazzjoni ex-ante li tidentifika imperfezzjonijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali.
- (13) L-istrument(i) finanzjarji għan-netwerks tal-broadband ma għandhomx iġhawġu l-kompetizzjoni, jisfullaw l-investimenti privati, jew joħlqu diżinċentivi li jġiegħlu lill-operaturi privati ma jinvestux. B'mod partikulari, għandhom ikunu konformi mal-Artikoli 101, 102, 106 u 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (14) Billi r-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-qafas tas-CEF huma limitati, l-għajnuna finanzjarja għandha tiffoka fuq l-istabbiliment ta' mekkaniżmi finanzjarji fuq il-livell tal-Unjoni sabiex jiġbdu investimenti addizzjonali, jipromwovu effett ta' tkattir, u b'hekk jiffaċilitaw l-użu ta' fondi privati u pubbliċi oħra għall-investiment. Dan l-approċċ jagħti lok għall-kontributi mingħand in-negozji u l-atturi istituzzjonali, ħafna lil hinn mil-livelli ta' finanzjament eliġibbli direttament permezz tas-CEF.

<sup>12</sup>

2013/C 33 E/09

- (15) L-ghajjnuna tas-CEF għall-implimentazzjoni tal-broadband għandha tikkomplementa l-ghajjnuna pprovduta fil-qafas ta' programmi u inizjattivi oħra tal-Unjoni, inklużi l-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (ESIF) f'każijiet fejn valutazzjoni ex-ante tidentifika nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, u fejn jiġi deċiż hekk mill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni. L-ghajjnuna finanzjarja tas-CEF għall-implimentazzjoni tal-broadband għandha tikkontribwixxi lejn l-isforzi tal-Istati Membri kemm b'mod dirett, u kemm billi tipprovi mezz ta' investiment għall-kontributi volontarji u delimitati minn sorsi oħra, inklużi l-ESIF, u b'hekk tippermetti lill-Istati Membri jisfruttaw l-għarfien espert u l-effetti ta' skala ta' faċilitajiet ġestiti mill-UE bil-għan li tiżdied l-effiċjenza tal-infiq pubbliku.
- (16) L-Unjoni tista' tappoġġa l-implimentazzjoni ta' netwerks tal-broadband li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa f'kull tip ta' żona, inklużi reġjuni suburbani, rurali, ftit popolati u inqas żviluppati. Dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' netwerks tal-broadband biex jistabbilixxu konnessjonijiet bejn gżejjer, reġjuni bla baħar, reġjuni muntanjużi, reġjuni remoti u periferali, inklużi Stati Membri li huma gżejjer, u bejn ir-reġjuni ċentrali tal-Unjoni, u/jew azzjonijiet biex itejbu l-affidabbiltà jew il-prestazzjoni tal-konnessjonijiet bejn tali reġjuni u r-reġjuni ċentrali tal-Unjoni.
- (17) Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-metodu ta' intervent għandu jiġi allinjat mal-karatteristiċi tal-azzjonijiet ikkonċernati. B'hekk, fil-qasam tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali, pjattaformi ta' servizzi ewlenin, li ma jistgħux jiġi ffinanzjati minn sorsi oħra, għandhom jingħataw prijorità għall-finanzjament fil-forma ta' akkwist pubbliku jew, b'mod eċċezzjonali, fil-forma ta' għotjiet, filwaqt li s-servizzi ġeneriċi għandhom jingħataw biss għajjnuna finanzjarja limitata mis-CEF. Barra minn hekk, kull għajjnuna finanzjarja mis-CEF għandha timmira l-użu effiċjenti tal-fondi tal-UE, u għaldaqstant, in-netwerks tal-broadband għandhom jiġu appoġġjati minn strumenti finanzjarji, li jiżguraw aktar xprunament milli jagħmlu l-għotjiet.
- (18) L-intervent skont dan ir-Regolament għandu jimmira lejn il-ksib ta' sinerġiji u interoperabbiltà bejn il-proġetti differenti ta' interess komuni deskritti fl-Anness, kif ukoll ma' infrastrutturi oħra, inklużi l-infrastrutturi tat-trasport u tal-enerġija appoġġjati mis-CEF, l-infrastrutturi rilevanti ta' riċerka appoġġjati, fost l-oħrajn, minn Orizzont 2020, u l-infrastrutturi rilevanti appoġġjati mill-ESIF, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piż amministrattiv bla bżonn.
- (19) L-ghajjnuna finanzjarja għal proġetti ta' interess komuni għandhom jiġu kkomplimentati minn azzjonijiet orizzontali, inklużi l-ghajjnuna teknika, miżuri ta' xprunar tad-domanda, u l-koordinazzjoni, li għandhom jimmiraw li jimmassimizzaw l-impatt tal-intervent tal-UE.
- (20) Meta tiġi biex talloka fondi għall-intervent fin-netwerks tal-broadband, il-Kummissjoni għandha tqis ir-risultati tal-evalwazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji eżistenti tal-Unjoni.
- (21) L-għażla tal-azzjonijiet ġodda li għandhom jiġi ffinanzjati fil-qafas tas-CEF, kif ukoll tal-livell ta' finanzjament tagħhom, għandha ssir bħala parti minn programm ta' ħidma annwali propost mill-Kummissjoni.
- (22) Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn Grupp Espert ta' rappreżentanti tal-Istati Membri, li għandu jiġi kkonsultat, u li għandu jikkontribwixxi, fost l-

**oħrajn, għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn il-linjigwida, għall-ippjanar, għall-valutazzjoni, u għall-indirizzar tal-problemi ta' implimentazzjoni,**

- (2) ~~Fis 26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew laqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tvara l-Istrateġija Ewropa 2020. Waħda mit-tliet prijoritajiet tal-Ewropa 2020 hija t-tkabbir intelliġenti permezz tal-iżvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni. L-investimenti fit-telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari fin-netwerks tal-broadband u l-infrastrutturi tas-servizz diġitali, huma kundizzjoni neċessarja għal tkabbir ekonomiku fl-Unjoni li jkun intelliġenti iżda li jkun ukoll sostenibbli u inklużiv.~~
- (3) ~~Fis 17 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew approva l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa<sup>13</sup> u talab lill-istituzzjonijiet kollha sabiex jipparteċipaw fl-implimentazzjoni sħiħa tagħha. L-Aġenda Diġitali timmira li tfassal pjan sabiex timmassimizza l-potenzjal soċjali u ekonomiku tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' netwerks tal-broadband b'veloċità għolja billi tara li jiġi żgurati li sal-2020 l-Ewropej kollha jkollhom aċċess għall-veloċitajiet tal-internet oġhla minn 30 Mbps u 50 % jew aktar tad-djar Ewropej ikunu abbonati għal konnessjonijiet tal-internet b'veloċitajiet oġhla minn 100 Mbps. L-Aġenda Diġitali timmira li tistabbilixxi qafas legali stabbli sabiex tistimula l-investimenti f'infrastruttura miftuħa u kompetittiva tal-internet b'veloċità għolja u fis-servizzi relatati; suq uniku veru għall-kontenut u s-servizzi online; appoġġ attiv għad-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali għani tal-Ewropa, u l-promozzjoni tal-aċċess għall-internet u l-użu minn kulħadd, speċjalment permezz ta' appoġġ għal-litteriżmu u l-aċċessibbiltà diġitali. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw pjanijiet operazzjonali nazzjonali għall-internet b'veloċità għolja, li għandhom fil-mira l-finanzjament pubbliku f'oqsma li l-ħtiġijiet tagħhom ma ntlaħqux kompletament mill-investimenti privati fl-infrastrutturi tal-internet u għandhom jippromwovu l-implimentazzjoni u l-użu tas-servizzi online moderni li huma aċċessibbli.~~
- (4) ~~Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Broadband Ewropew: investiment fi tkabbir ekonomiku mmexxi diġitalment<sup>14</sup> tikkonkludi li r-rwol kritiku tal-internet ifisser li l-benefiċċji għas-soċjetà sħiħa jidhru li huma ferm akbar mill-inċentivi privati biex jinvestu f'netwerks aktar veloċi. Għalhekk, l-appoġġ pubbliku huwa neċessarju għal dan il-qasam, iżda ma għandux jgħawweġ il-kompetizzjoni bla bżonn.~~
- (5) ~~Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Baġit għall-Ewropa 2020<sup>15</sup> jirrikonoxxi l-ħolqien ta' Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet infrastrutturali fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Is-sinerġiji bejn dawn is-setturi kif ukoll ma' programmi tal-investiment oħra tal-Unjoni huma importanti ħafna għaliex jirriżultaw sfidi simili li jirrikjedu soluzzjonijiet li jirriżultaw fi tkabbir, jikkumbattu l-frammentazzjoni, jsaħħu l-koeżjoni, jiffavorixxu l-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi u jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-suq kif ukoll it-tneħħija tal-konġestjonijiet li jxekklu t-tlestija tas-Suq Uniku.~~

<sup>13</sup> COM(2010) 245 finali/2.

<sup>14</sup> COM(2010) 472.

<sup>15</sup> COM(2011) 500 finali.

- (6) ~~Ir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa<sup>16</sup> jiddetermina l-kundizzjonijiet, il-metodi u l-proċeduri biex jipprovdi l-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni għan-netwerks trans-Ewropej sabiex jappoġġaw proġetti fil-qasam tal-infrastrutturi tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet.~~
- (7) ~~L-azzjonijiet fil-qasam tan-netwerks tal-broadband se jkunu konformi mal-politiki, r-regolamentazzjoni u l-gwida rilevanti tal-Unjoni. Dan jinkludi sett ta' regoli u linji gwida għas-swieq tat-telekomunikazzjonijiet u b'mod partikolari l-Qafas Regulatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi adottat fl-2009 li jipprovdi approċċ koerenti, affidabbli u flessibbli għar-regolamentazzjoni tan-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fi swieq li mexjin b'pass mgħaġġel. Dawn ir-regoli qed jiġu implimentati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC – "Body of European Regulators for Electronic Communications"). Ir-Rakkomandazzjoni dwar l-NGA<sup>17</sup> adottata fl-2010 għandha l-għan li trawwem l-iżvilupp tas-Suq Uniku billi ttejjeb iċ-ċertezza legali u tippromwovi l-investment, il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni fis-suq għal servizzi tal-broadband b'mod partikolari fit-tranżizzjoni għan-netwerks ta' aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss (NGAs).~~
- (8) ~~Dawn l-azzjonijiet se jkunu wkoll konformi mal-Artikoli 101, 102 u 106 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa, kif ukoll mal-Linji Gwida Komunitarji għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat f'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband, adottati fl-2009, li jipprovdu qafas għall-partijiet interessati u għall-Istati Membri sabiex jaċċelaw u jestendu l-użu tal-broadband. Il-gwida tal-UE għall-mudelli tal-investment tal-NGA għall-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-UE u għal aġenziji rilevanti oħra (ippubblikata f'Ottubru 2011) tipprovdi approċċ pass wara pass għall-implimentazzjoni ta' firxa ta' mudelli li jiżguraw kompetizzjoni ġusta fost il-fornituri kollha u jimmiraw li jitwettqu l-għanijiet tal-politiki ta' koeżjoni u tal-iżvilupp rurali.~~
- (9) ~~Fil-qafas ta' sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-intervent tal-Unjoni huwa neċessarju fejn huwa meħtieġ li jingħelbu n-nuqqasijiet tas-suq. Billi tipprovdi appoġġ finanzjarju u ingranaġġ ta' finanzjament addizzjonali għall-proġetti ta' infrastruttura, l-Unjoni tista' tikkontribwixxi għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet, u b'hekk tiġġenera benefiċċji akbar f'termini tal-impatt fis-suq, l-effiċjenza amministrattiva u l-utilizzazzjoni tar-riżorsi.~~
- (10) ~~Ma' veloċitajiet oġhla tal-broadband hemm assoċjati benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostanzjali, li ma jistgħux jiġu maqbuda (captured) u l-anqas ma jistgħu jiġu mibdula fi flus mill-investituri. Il-broadband veloċi u ultraveloċi huwa ċ-ċavetta li tippermetti l-infrastruttura għall-iżvilupp u l-użu ta' servizzi diġitali, li jiddependu fuq id-disponibbiltà, il-veloċità, l-affidabilità u r-reżiljenza tan-netwerks fiżiċi. L-introduzzjoni u l-adozzjoni ta' netwerks aktar veloċi twitti t-triq għal servizzi innovattivi li jisfruttaw il-veloċitajiet akbar. Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-interazzjonijiet bejn dawn iż-żewġ komponenti tan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet diġitali.~~
- (11) ~~B'mod partikolari l-użu ta' broadband ultraveloċi se jkun ta' benefiċċju għall-impriżi żgħar u medji (SMEs) li spiss ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi bbażati fuq il-web bħall-'cloud computing' minħabba l-konnettività inadegwata u l-veloċità~~

<sup>16</sup> ĠU [...], [...], p. [...].

<sup>17</sup> L 251, 25.9.2010, p. 35.

~~eżistenti tal-konnessjonijiet tal-broadband. Dan se jgħin il-potenzjal għal żidiet sostanzjali fil-produttività għall-SMEs.~~

- ~~(12) Billi jiftaħ opportunitajiet ta' negozju, l-użu tan-netwerks tal-broadband u tal-infrastrutturi tas-servizz diġitali se jstimula l-ħolqien tal-impjiegi fl-Unjoni. Il-bini ta' netwerks tal-broadband se jkollu wkoll-effett immedjat fuq l-impjiegi b'mod partikolari fis-settur tal-inġinerija ċivili.~~
- ~~(13) L-iżvilupp tan-netwerks tal-broadband u tal-infrastrutturi tas-servizz diġitali se jikkontribwixxi għall-għan tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjoni tal-gass serra billi tawtorizza soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija f'bosta setturi tal-ekonomija tal-Ewropa. Dan l-effett pożittiv se jkun limitat, iżda sa ċertu punt biss, mid-domanda għall-enerġija u r-riżorsi li qed tikber relatata l-aktar mal-bini tan-netwerks tal-broadband u l-operat tal-infrastrutturi tas-servizz diġitali.~~
- ~~(14) L-interoperabilità tan-netwerks tal-broadband u l-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet diġitali assoċjati man-netwerks tal-enerġija tippermetti l-ġabra ta' komunikazzjonijiet (converged communications) għall-użu ta' netwerks diġitali li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti, affidabbli u li huma kost-effettivi. Barra minn hekk, din il-ġabra ta' komunikazzjonijiet se tiġi estiża lil hinn mill-konnettività biex tippermetti l-forniment f'pakkett ta' servizzi tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni minn fornituri ta' servizzi tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni rispettivament.~~
- ~~(15) L-iżvilupp, l-użu u l-provvediment fuq-perjodu fit-tul ta' servizzi transkonfinali interoperabbli ta' Gvern elettroniku jtejbu l-funzjonament tas-Suq Uniku. Il-gvernijiet huma rikonoxxuti għall-għoti ta' servizzi pubbliċi online li jikkontribwixxu sabiex jiżiedu l-effiċjenza u l-effikaċja tas-settur pubbliku u s-settur privat.~~
- ~~(16) L-operat tas-servizzi elettroniċi pubbliċi komuni implimentati b'konformità mad-Deċizzjoni 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009<sup>18</sup> se jkollu fil-mira tiegħu d-disponibbiltà tas-servizzi komuni b'appoġġ għall-interazzjoni transkonfinali u transettoralji bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.~~
- ~~(17) Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa<sup>19</sup> transkonfinali tagħti l-qafas legali għall-provvediment transkonfinali tal-kura tas-saħħa, inklużi s-servizzi ta' Saħħa elettronika, fl-Ewropa. L-użu tagħhom huwa mistenni li jtejjeb il-kwalità tal-kura u s-sikurezza tal-pazjenti, inaqqs l-ispejjeż mediċi, jikkontribwixxi għall-immodernizzar tas-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali u jżid l-effiċjenza tagħhom, u jagħmilhom iżjed addattati għall-ħtiġijiet individwali ta' ċittadini, il-pazjenti, il-professionisti tas-saħħa, u l-isfidi ta' soċjetà li qiegħda tixxjeh.~~
- ~~(18) Iż-żieda u l-preservazzjoni tal-aċċess għall-kontenut u d-dejta kulturali għonja u varji tal-Ewropa miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku, u l-ftuħ tagħhom għall-użu mill-ġdid b'rispett sħiħ-lejn id-dritt tal-awtur u d-drittijiet relatati, se jrawmu l-kreattività u jstimulaw l-innovazzjoni u l-intraprenditorija. L-aċċess mingħajr intoppi għall-użu mill-ġdid ta' riżorsi multilingwi se jgħin jegħleb l-ostakli tal-lingwa, li jxekklu s-suq intern għas-servizzi online u jillimitaw l-aċċess għall-għarfien.~~

<sup>18</sup> ĠU L 260, 3.10.2009, p. 20.

<sup>19</sup> ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45.

- (19) ~~Fil-qasam tas-sikurezza u s-sigurtà, pjattaforma mifruxa madwar l-UE għall-kondiviżjoni tar-riżorsi, is-sistemi ta' informazzjoni u l-għodod tas-software li jippromwovu s-sikurezza online se tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent online aktar sikur għat-tfal. Se tippermetti lil-ċentri li jirċievu mijiet ta' eluf ta' talbiet u allerti fis-sena sabiex joperaw madwar l-Ewropa. Infrastrutturi tal-Infomazzjoni-Kritika se jtejbju l-kapaċità tal-Unjoni kollha għat-tħejjija, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-koordinazzjoni u r-reazzjoni għat-theddid għaċ-ċibersigurtà.~~
- (20) ~~Huwa mistenni li se jirriżultaw applikazzjonijiet innovattivi ta' natura kummerċjali li joperaw fuq infrastrutturi tas-servizz diġitali. L-esplorazzjoni u l-ittestjar tagħhom jistgħu jiġu kofinanzjati bħala parti minn proġetti ta' riċerka u innovazzjoni fil-programm Orizzont 2020 u l-użu tagħhom taħt il-politika ta' koeżjoni.~~
- (21) ~~Sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fl-oqsma tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, is-setgħa sabiex tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness għal dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. L-għan ta' din id-delega huwa li tindirizza żviluppi teknoloġiċi u tas-suq ġodda, prijoritajiet politiċi emerġenti jew opportunitajiet għall-isfruttament ta' sinerġiji bejn infrastrutturi differenti, inklużi dawk fl-oqsma tat-Trasport u tal-Enerġija. L-ambitu tad-delega huwa limitat għall-modifikazzjoni tad-deskrizzjoni tal-proġetti ta' interess komuni, iż-żieda ta' proġett ta' interess komuni jew it-tneħħija ta' proġett obsolet ta' interess komuni skont il-kriterji stabbiliti minn qabel li huma ċari u trasparenti.~~
- (22) ~~Waqt it-tħejjija u t-tfassil ta' atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.~~
- (23) ~~Id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar serje ta' linji gwida għan-networks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej<sup>20</sup> tkopri l-għanijiet, il-prijoritajiet u l-punti prinċipali tal-miżuri previsti fin-networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet. Fid-dawl tal-iżviluppi reċenti, dik id-Deċiżjoni għandha tiġi sostitwita.~~
- (24) ~~Id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE għandha għalhekk tiġi revokata.~~

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*  
*Suġġett*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi linjigwida **għall-implimentazzjoni f'waqtha u l-interoperabbiltà ta' proġetti ta' interess komuni fil-qafas tan-networks trans-Ewropej tat-telekomunikazzjonijiet** sabiex jiġu determinati dawk in-networks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej li għandhom jiġu appoġġati skont ir-Regolament XXX (ir-Regolament CEF) fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, l-użu, l-interkonnnessjoni, u l-interoperabbiltà tagħhom.

Dawn il-linji gwida jipprovdu għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-proġetti ta' interess komuni, jidentifikaw proġetti ta' interess komuni u jistabbilixxu kriterji għall-identifikazzjoni ta' proġetti ġodda ta' interess komuni.

<sup>20</sup> ĠU L 183, 11.7.1997, p. 12.



## 2. B'mod partikulari, dan ir-Regolament jipprovdi għal:

- (a) **l-għanijiet għall-proġetti ta' interess komuni;**
- (b) **il-kundizzjonijiet li skonthom il-proġetti ta' interess komuni jistgħu jkunu eliġibbli għall-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru xxx/2012 [ir-Regolament tas-CEF] fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, l-iskjerar, l-interkonnessioni, u l-interoperabbiltà tagħhom;**
- (c) **il-kriterji għall-istabbiliment ta' prioritajiet għall-proġetti ta' interess komuni, biex jirċievu jew igawdu mill-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni.**

### *Artikolu 2*

#### *Għanijiet*

Il-proġetti ta' interess komuni għandhom:

- (1) ~~jikkontribwixxu għat tkabbir ekonomiku u jappoġġaw l-iżvilupp tas-Suq Uniku fejn jirriżultaw fit-titjib tal-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, inklużi l-impriżi żgħira u medji (SMEs).~~
- (2) ~~jikkontribwixxu għat-titjib fil-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini, in-negozji u l-gvernijiet permezz tal-promozzjoni tal-interkonnessioni u l-interoperabbiltà tan-netwerks nazzjonali tat-telekomunikazzjoni kif ukoll l-aċċess għal dawn in-netwerks.~~
- (3) ~~jstimulaw l-użu madwar l-Ewropa kollha ta' netwerks veloċi u ultraveloċi li, min-naħa tagħhom, għandhom jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' servizzi diġitali trans-Ewropej.~~
- (4) ~~jiffaċilitaw l-użu sostenibbli ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali trans-Ewropej, l-interoperabilità tagħhom u l-koordinazzjoni fuq livell Ewropew, l-operat, il-manutenzjoni u l-aġġornament tagħhom.~~
- (5) ~~jikkontribwixxu għat tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gass serra, kif ukoll għall-ħarsien u t-titjib tal-ambjent.~~

### *Artikolu 2 3*

#### *Definizzjonijiet*

1. ~~Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: **stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru xxx/2012 (ir-Regolament tas-CEF Regulation).** following definitions shall apply:~~
2. **Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:**
  - (a) "Netwerks tat-telekomunikazzjoni**ijiet**" tfisser netwerks tal-broadband u infrastrutturi tas-servizzi diġitali.
  - (b) **"Infrastrutturi ta' servizzi diġitali" jippermettu li s-servizzi tan-netwerks jitwasslu b'mod elettroniku, tipikament permezz tal-internet, biex jipprovdu servizzi interoperabbli trans-Ewropej ta' interess komuni għaċ-ċittadini, in-negozji u/jew il-gvernijiet. L-infrastrutturi ta' servizzi diġitali huma magħmulin minn pjattaformi ta' servizzi ewlenin u servizzi ġeneriċi.**
  - (c) **"Elementi modulari" tfisser infrastrutturi ta' servizzi diġitali li jistgħu jerġgħu jintużaw.**

- (d) “Pjattaformi ta' servizzi ewlenin” tfisser hubs ċentrali ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali li jimmiraw li jiżguraw il-konnettività, l-aċċess u l-interoperabbiltà trans-Ewropej. Il-pjattaformi ta' servizzi ewlenin għandhom ikunu miftuħin għall-Istati Membri kollha, u jistgħu jkunu miftuħin għal entitajiet oħra.
- (e) “Servizzi ġeneriċi” tfisser servizzi li jistabbilixxu konnessjoni bejn infrastruttura nazzjonali waħda jew aktar u bejn pjattaforma ta' servizzi ewlenin waħda jew aktar, bil-għan li jitwasslu servizzi diġitali transfruntiera.
- (f) "Netwerks tal-broadband" tfisser netwerks ta' aċċess bil-fili u mingħajr fili (inkluż bis-satellita), infrastruttura anċillari u netwerks ċentrali li kapaċi jwasslu konnettività b'veloċità għolja ħafna, u b'hekk jikkontribwixxu lejn il-miri tal-broadband tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa.
- (g) ~~"Infrastrutturi tas-servizzi diġitali" tfisser servizzi b'network imwassla b'mod elettroniku, tipikament permezz tal-internet, li jipprovdu servizzi trans-Ewropej interoperabbli fl-interess pubbliku u li jkollhom karattru ta' abilitazzjoni għaċ-ċittadini, in-negozji, u/jew il-gvernijiet.~~
- (h) ~~"Valur miżjud Ewropew" tfisser il-valur li jirriżulta minn intervent tal-UE li huwa addizzjonali għall-valur li kieku kien jinkiseb b'azzjoni minn Stat Membru wieħed jew azzjoni minn grupp ta' Stati Membri.~~

~~Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament XXX (ir-Regolament CEF).~~

### Artikolu 3 Għanijiet

1. Il-proġetti ta' interess komuni għandhom jikkontribwixxu għall-ksib tal-għanijiet ġenerali speċifikati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru xxx/2012 [ir-Regolament tas-CEF].
2. Minbarra l-għanijiet ġenerali, il-proġetti ta' interess komuni għandhom ifittxu għan wieħed jew aktar minn dawn l-għanijiet speċifiċi:
  - (a) it-tkabbir ekonomiku u l-appoġġ għall-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali, b'appoġġ għall-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, inklużi l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs);
  - (b) titjib fil-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini, in-negozji u l-gvernijiet permezz tal-promozzjoni tal-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks ta' telekomunikazzjonijiet nazzjonali, reġjunali u lokali, kif ukoll l-aċċess għal dawk in-netwerks.
3. Il-prijoritajiet operattivi li ġejjin għandhom jikkontribwixxu għall-għanijiet imsemmija fil-paragrafi (1) u (2):
  - (a) l-interoperabbiltà, il-konnettività, l-iżvilupp sostenibbli, l-operat u t-tiġdid tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali trans-Ewropej u l-elementi modulari komuni tagħhom, kif ukoll il-koordinazzjoni fil-livell Ewropew;
  - (b) il-fluss effiċjenti ta' investimenti privati u pubbliċi għall-ixprunar tal-iskjerar u l-modernizzazzjoni tan-netwerks tal-broadband, bil-għan li

## jikkontribwixxu lejn l-ilħiq tal-miri tal-broadband tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa.

### *Artikolu 4*

#### *Prijoritajiet għal proġetti ta' interess komuni*

Filwaqt li jiġu kkunsidrati l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, il-prijoritajiet għal proġetti ta' interess komuni għandhom ikunu:

- (a) l-użu ta' netwerks tal-broadband ultraveloċi li jassiguraw il-veloċità ta' trażmissjoni tad-dejta ta' 100 Mbps u aktar;
- (b) l-użu ta' netwerks tal-broadband biex jillinkjaw il-gżejjer, ir-reġjuni mingħajr kosta tal-ilma kif ukoll daww periferiċi mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni fejn jiżguraw li f'daww ir-reġjuni l-veloċitajiet tat-trażmissjoni tad-dejta huma suffiċjenti biex jippermettu konnettività tal-broadband ta' 30 Mbps u aktar;
- (c) l-appoġġ għall-pjattaformi tas-servizzi ċentrali fil-qasam tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali;
- (d) azzjonijiet li jagħmluha possibbli li jinkisbu sinerġiji u interoperabbiltà bejn proġetti differenti ta' interess komuni fil-qasam tat-Telekomunikazzjonijiet, bejn proġetti ta' interess komuni li jikkonċernaw tipi differenti ta' infrastrutturi, inkluż it-Trasport u l-Enerġija, bejn proġetti ta' interess komuni fil-qasam tat-Telekomunikazzjonijiet u proġetti appoġġati mill-fondi Strutturali u ta' Koeżjoni, kif ukoll l-infrastrutturi ta' riċerka rilevanti.

### *Artikolu 4.5*

#### *Proġetti ta' interess komuni*

1. ~~Il-proġetti ta' interess komuni stabbiliti fl-Anness għandhom jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.~~

#### 1. Il-proġetti ta' interess komuni, b'mod partikulari:

- (a) għandhom jimmiraw il-ħolqien u/jew it-tisħiħ ta' pjattaformi ta' servizzi ewlenin interoperabbli u, fejn possibbli, kompatibbli internazzjonalment, kif ukoll l-elementi modulari tagħhom, akkumpanjati minn servizzi ġeneriċi għall-infrastrutturi ta' servizzi diġitali;
- (b) jipprovdu mezzi effiċjenti ta' investiment għall-broadband, jiġbdu kategoriji ġodda ta' investituri u promoturi ta' proġetti, u jħeġġu r-replikabbiltà ta' proġetti u mudelli ta' negozju innovattivi.

2. Proġett **Proġett** ta' interess komuni jista' jinkludi ċ-ċiklu sħiħ **tagħhom** tiegħu, inkluż l-istudji tal-fattibilità, l-implimentazzjoni, l-operat kontinwu, il-koordinazzjoni u l-evalwazzjoni.

#### 3. Proġetti ta' interess komuni jistgħu jiġu appoġġati permezz ta' azzjonijiet orizzontali.

4. Proġetti ta' interess komuni u azzjonijiet li jikkontribwixxu għalihom jiġu deskritti aktar fil-fond fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

3. ~~L-Istati Membri u/jew entitajiet oħra responsabbli mill-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni jew li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tagħhom~~

għandhom jieħdu l-miżuri legali, amministrattivi, tekniċi u finanzjarji neċessarji f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament.

4. ~~L-Unjoni tista' tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni permezz ta' miżuri regolatorji, fejn ikun xieraq, permezz ta' koordinazzjoni, permezz ta' miżuri ta' appoġġ u permezz ta' appoġġ finanzjarju biex tistimula l-introduzzjoni u l-adozzjoni tagħhom, kif ukoll l-investment pubbliku u privat.~~
5. ~~Azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju tal-UE taħt il-kundizzjonijiet u l-istrumenti disponibbli skont ir-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa [REF]. L-appoġġ finanzjarju għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli u l-proċeduri rilevanti adottati mill-Unjoni, il-prijoritajiet tal-finanzjament u d-disponibbiltà tar-riżorsi.~~
6. ~~Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati li jimmodifikaw id-deskrizzjoni tal-proġetti ta' interess komuni inklużi fl-Anness, li żżid proġetti ġodda ta' interess komuni mal-Anness, jew li tneħħi proġetti obsoleti ta' interess komuni mill-Anness, f'konformità mal-paragrafi 7, 8 u 9 hawn taħt u f'konformità mal-Artikolu 8.~~
7. ~~Il-Kummissjoni, filwaqt li tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 hawn fuq, għandha tivvaluta jekk il-modifika tad-deskrizzjoni tal-proġett ta' interess komuni jew iż-żieda ta' proġett ġdid ta' interess komuni huma risposta għall-ħtiġijiet li jirriżultaw minn:
  - (a) ~~żviluppi teknoloġiċi u tas-suq ġodda; jew~~
  - (b) ~~prijoritajiet tal-politika emerġenti; jew~~
  - (c) ~~opportunitajiet ġodda għall-esplorazzjoni ta' sinerġiji bejn infrastrutturi differenti, inklużi dawk fil-qasam tat-Trasport u l-Enerġija.~~~~
8. ~~Minbarra l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 7, jekk l-att delegat jikkonċerna ż-żieda ta' proġett ġdid ta' interess komuni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll jekk tali proġett jissodisfa il-kriterji li ġejjin b'mod kumulattiv:
  - (a) ~~jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2;~~
  - (b) ~~huwa bbażat fuq teknoloġija matura lesta għall-użu;~~
  - (c) ~~jesebixxi valur miżjud Ewropew.~~~~
9. ~~Il-Kummissjoni, filwaqt li tadotta l-att delegat li jneħħi proġett obsolet ta' interess komuni mill-Anness, għandha tivvaluta jekk tali proġett ma għadux iwieġeb għall-ħtiġijiet stabbiliti fil-paragrafu 7 jew ma għadux jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 8.~~

### Artikolu 5

#### Metodi ta' intervent

1. Fil-qasam tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali, il-pjattaformi ta' servizzi ewlenin għandhom jiġu implimentati primarjament mill-Unjoni, filwaqt li s-servizzi ġeneriċi għandhom jiġu implimentati mill-partijiet li jistabbilixxu l-konnessjoni mal-pjattaforma rilevanti ta' servizzi ewlenin. L-investimenti fin-netwerks tal-broadband għandhom isiru primarjament mis-settur privat. L-appoġġ pubbliku għandu jingħata biss fejn ikun hemm nuqqas tas-suq jew sitwazzjoni ta' investment subottimali.

- 2. L-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjunali, u/jew entitajiet oħra responsabbli jew li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni għandhom jieħdu l-miżuri legali, amministrattivi, tekniċi u finanzjarji meħtieġa skont l-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament.**
- 3. Azzjonijiet li jikkontribwixxu lejn proġetti ta' interess komuni għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni skont il-kundizzjonijiet u l-istrumenti disponibbli fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru xxx/2012 [ir-Regolament tas-CEF]. L-appoġġ finanzjarju għandu jingħata skont ir-regoli rilevanti u l-proċeduri adottati mill-Unjoni, skont il-prijoritajiet ta' finanzjament, u skont id-disponibbiltà tar-riżorsi. B'mod partikulari:**
- (a) **Azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastrutturi ta' servizzi diġitali jistgħu jiġu appoġġjati permezz ta':**
- (a) **akkwist pubbliku u/jew**
- (b) **għotjiet.**
- (b) **Azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks tal-broadband jistgħu jiġu appoġġjati permezz ta':**
- (a) **strumenti finanzjarji kif iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru xxx/2012 [ir-Regolament tas-CEF], li għandhom ikunu miftuħin għal kontributi addizzjonali minn partijiet oħra tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropea, strumenti, programmi u linji tal-baġit oħra fil-baġit tal-Unjoni, l-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet reġjunali u lokali, u kwalunkwe investitur ieħor, inklużi investituri privati skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru xxx/2012 [ir-Regolament tas-CEF], u/jew**
- (b) **il-kombinazzjoni ta' strumenti finanzjarji u għotjiet minn sorsi pubbliċi barra mis-CEF, ikunux tal-UE jew nazzjonali.**
- (c) **Azzjonijiet orizzontali għandhom jiġu appoġġjati permezz ta':**
- (a) **akkwist pubbliku u/jew**
- (b) **għotjiet.**
- 4. Fejn l-appoġġ mingħand is-CEF jikkomplementa l-ESIF u appoġġ pubbliku dirett ieħor, il-ksib ta' sinerġiji bejn l-azzjonijiet tas-CEF u l-appoġġ mingħand l-ESIF jista' jissaħħaħ bl-użu ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni xieraq.**

## **Artikolu 6**

### **Kriterji ta' eliġibbiltà u prijoritajiet għall-finanzjament**

- 1. Biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, huwa obligatorju li l-azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastrutturi ta' servizzi diġitali, b'mod kumulattiv:**
- (a) **ikunu lahqgħu maturità suffiċjenti biex jiġu skjerati, kif ipprovat, b'mod partikular, minn proġetti pilota b'suċċess fil-qafas ta' programmi bħal dawk tal-Unjoni marbutin mal-innovazzjoni u r-riċerka;**
- (b) **jikkontribwixxu għall-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni b'appoġġ għas-sug uniku;**

- (c) joħolqu valur miżjud Ewropew u sostenibbiltà fit-tul, fejn xieraq permezz ta' sorsi ta' finanzjament barra s-CEF, kif iddemostrat minn valutazzjoni tal-vjabbiltà u tal-kosti kontra l-benefiċċji;
- (d) jikkonformaw ma' standards, speċifikazzjonijiet u orientazzjonijiet miftiehma għall-interoperabbiltà, bħall-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, u jisfruttaw soluzzjonijiet eżistenti.
2. Elementi modulari essenzjali, u bi prospetti dimostrabbli li jistgħu jintużaw, għall-iżvilupp, l-iskjerar u l-operat ta' infrastrutturi oħra ta' servizzi diġitali kif elenkati fl-Anness, għandhom jingħataw l-ewwel prijorità għall-finanzjament.
3. It-tieni prijorità għandha tingħata lill-infrastrutturi ta' servizzi diġitali b'appoġġ għal dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u msejsa fuq elementi modulari eżistenti.
4. Abbażi tal-għanijiet ipprovduti fl-Artikolu 3, u skont il-baġit disponibbli, il-programmi ta' ħidma jistgħu jistabbilixxu aktar kriterji ta' eliġibbiltà u ta' prijorità fil-qasam tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali.
5. Azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks tal-broadband għandhom jilhq, kumulattivament, il-kriterji li ġejjin biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament:
- (a) jagħtu kontribut sinifikanti għall-ilħiq tal-miri tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa;
- (b) ikollhom stadji ta' żvilupp u thejjiija tal-proġett maturi biżżejjed, mirfuda minn mekkaniżmi effettivi ta' implimentazzjoni;
- (c) jindirizzaw nuqqasijiet tas-suq, jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investment;
- (d) ma jwasslux għal tagħwiġ tas-suq jew għall-isfullar tal-investment privat;
- (e) jużaw it-teknoloġija meqjusa l-aktar xierqa biex tindirizza l-bżonnijiet tal-qasam ikkonċernat, b'qies għal fatturi ġeografiċi, soċjali u ekonomiċi, abbażi ta' kriterji oġġettivi, u bi qbil man-newtralità teknoloġika;
- (f) jiskjeraw teknoloġija tal-ogħla livell u/jew jissejsu fuq mudelli ta' negozju innovattivi, u jkollhom potenzjal għoli ta' replikabbiltà.
6. Il-kriterji msemmija fil-punt (f) tal-paragrafu ta' qabel ma għandhomx ikunu meħtiġa għal proġett iffinanzjat minn kontributi addizzjonali delimitatipprovduti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru xxx/2012 [ir-Regolament tas-CEF].
7. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għal azzjonijiet orizzontali għandhom jiġu stipulati fil-programmi ta' ħidma.

#### *Artikolu 7-6*

#### *Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali*

L-Unjoni tista' tistabbilixxi kuntratti, tiddiskuti, tiskambja informazzjoni u tikkoopera ma' awtoritajiet pubbliċi jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra f'pajjiżi terzi sabiex tilħaq kwalunkwe għan segwit minn dawn il-linjigwida fejn tali kooperazzjoni twassal għal valur miżjud Ewropew. Fost għanijiet oħrajn, din il-

kooperazzjoni għandha tfittex li tippromwovi l-interoperabbiltà bejn ~~in networks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej u n networks tat-telekomunikazzjoni ta' pajjiżi terzi~~ **networks tat-telekomunikazzjonijiet fl-Unjoni u bejn networks tat-telekomunikazzjonijiet ta' pajjiżi terzi.**

2. ~~L-Unjoni tista' tkompli tistabbilixxi kuntatti, tiddiskuti, tiskambja informazzjoni u tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi biex tilħaq kwalunkwe għan segwit minn dawn il-linji gwida.~~

#### *Artikolu 8 7*

#### ***Skambju ta' informazzjoni, monitoraġġ u rappurtar ~~reviżjoni~~***

1. Abbażi tal-informazzjoni riċevuta skont l-Artikolu 21 tar-Regolament XXX li jistabbilixxi s-**CEF** l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-progress li sar bl-implimentazzjoni ta' dawn il-linjigwida.
2. Il-Kummissjoni għandha **tikkonsulta u** tiġi assistita minn Grupp Espert, iffurmat minn rappreżentant minn kull Stat Membru, ~~għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida, għall-assistenza fl-ippjanar permezz tal-istrategġiji nazzjonali għall-internet b'veloċità għolja u l-immappjar tal-infrastrutturi, u l-iskambju tal-informazzjoni. Il-Grupp Espert jista' wkoll jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni oħra relatata mal-iżvilupp tan-networks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej.~~ **B'mod partikulari, il-Grupp Espert għandu jassisti l-Kummissjoni f'dawn li ġejjin:**

- (a) **il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn il-linjigwida;**
- (b) **l-ippjanar ta' pjanijiet nazzjonali jew strategġiji nazzjonali, fejn applikabbli;**
- (c) **it-teħid ta' miżuri biex jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma fuq livell finanzjarju u tekniku;**
- (d) **l-indirizzar ta' problemi eżistenti jew emerġenti ta' implimentazzjoni ta' proġetti.**

**Il-Grupp Espert jista' jikkunsidra wkoll kwalunkwe kwistjoni oħra marbuta mal-iżvilupp tan-networks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej.**

3. In conjunction with the mid-term evaluation and the ex-post evaluation of the Regulation XXX establishing the **CEF** ~~Connecting Europe Facility~~ and after consulting the Expert Group, the Commission shall publish a report on the progress in the implementation of these guidelines. That report **shall** ~~will~~ be submitted to the European Parliament **and** ~~the~~ Council, ~~the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions.~~

Flimkien mal-evalwazzjoni ta' nofs it-term u l-valutazzjoni ex-post tar-Regolament XXX li jistabbilixxi s-**CEF** l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u wara li tikkonsulta l-Grupp Espert, il-Kummissjoni għandha tippubblica rapport dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn il-linjigwida. Dak ir-rapport **għandu** se jiġi sottomess lill-Parlament Ewropew **u lill-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni.**

4. F'dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha tevalwa wkoll jekk l-ambitu tal-proġetti ta' interess komuni jibqax jirrifletti ~~l-prijoritajiet politiċi, l-iżviluppi teknoloġiċi jew is-sitwazzjoni fis-swieq rilevanti~~ **u innovazzjonijiet, kif ukoll iżviluppi regolatorji**

jew ekonomiċi u tas-suq, u jekk, fid-dawl ta' tali żviluppi u tal-bżonn ta' sostenibbiltà fit-tul, il-finanzjament għal kwalunkwe mill-proġetti ta' interess komuni appoġġjati għandux jitneħħa b'mod progressiv, jew għandux jiġi minn sorsi oħra. Għal proġetti kbar li aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent, dawn ir-rapporti għandhom jinkludu analiżi tal-impatt ambjentali, fejn jiġu kkunsidrati, fejn xieraq, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ħtiġijiet ta' mitigazzjoni, u r-reżiljenza għad-diżastri. Reviżjoni bħal din Tali valutazzjoni tista' titwettaq ukoll fi kwalunkwe żmien ieħor meta din tidher li tkun xierqa.

**5. Il-ksib tal-għanijiet settorjali stipulati fl-Artikolu 3 għandhom jitkejlu ex-post, fost l-oħrajn, bi:**

- (a) **id-disponibbiltà ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali, imkejla bl-għadd ta' Stati Membri konnessi ma' kull infrastruttura ta' servizzi diġitali;**
- (b) **il-perċentwal ta' ċittadini u negozji li jużaw l-infrastrutturi ta' servizzi diġitali, u d-disponibbiltà ta' tali servizzi b'mod transfruntier;**
- (c) **il-volum ta' investimenti miġbuda fil-qasam tal-broadband, u l-effett ta' xprunar.**

*Artikolu 8*

*Eżerċitar tad-delega*

- ~~1. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.~~
- ~~2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 5(6) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien mhux determinat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.~~
- ~~3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.~~
- ~~4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.~~
- ~~5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(6) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn (2) min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li huma mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn (2) fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.~~

*Artikolu 9*

*Revoka*

Id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE, kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 1376/2002/KE, hija revokata.



*Artikolu 10*  
***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNEX

### PROĠETTI TA' INTERESS KOMUNI

#### Taqsim 1. Infrastrutturi ta' Servizzi Diġitali

Interventi fil-qasam tal-infrastruttura ta' servizzi diġitali ġeneralment iserrħu fuq approċċ arkitetturali ta' żewġ livelli: pjattaformi ta' servizzi ewlenin u servizzi ġeneriċi. Billi l-pjattaforma ta' servizzi ewlenin hija prekondizzjonali għal infrastruttura ta' servizzi diġitali, l-appoġġ għall-pjattaformi ta' servizzi ewlenin u l-elementi modulari komuni tagħhom għandhom jingħataw prijorità fuq is-servizzi ġeneriċi.

Il-pjattaformi ta' servizzi ewlenin u l-elementi modulari komuni tagħhom jindirizzaw il-bżonnijiet ta' interoperabbiltà u sigurtà ta' proġetti ta' interess komuni. Huma intiżi biex jippermettu interazzjonijiet diġitali bejn l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini, bejn l-awtoritajiet pubbliċi u n-negozji u l-organizzazzjonijiet, jew fost l-awtoritajiet pubbliċi ta' Stati Membri differenti, permezz ta' pjattaformi ta' interazzjoni standardizzati, transfruntiera, u ta' użu prattiku u faċli. L-infrastrutturi ta' servizzi diġitali f'elementi modulari għandhom jingħataw prijorità fuq infrastrutturi oħra ta' servizzi diġitali, billi tal-ewwel huma prekondizzjoni għal tat-tieni. Is-servizzi ġeneriċi jipprovdu l-konnessjoni mal-pjattaformi ta' servizzi ewlenin, u jippermetti lis-servizzi nazzjonali ta' valur miżjud li jużaw il-pjattaformi ta' servizzi ewlenin. Jipprovdu portali bejn is-servizzi nazzjonali u l-pjattaformi ta' servizzi ewlenin, u jippermettu lill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u l-organizzazzjonijiet, in-negozji u/jew iċ-ċittadini li jaċċessa l-pjattaforma ta' servizzi ewlenin għat-tranżazzjonijiet transfruntiera tagħhom. Il-kwalità tas-servizzi u l-appoġġ għall-partijiet interessati involuti fit-tranżazzjonijiet transfruntiera għandhom jiġu żgurati. Għandhom jappoġġjaw u jħeġġu l-adozzjoni ta' pjattaformi ta' servizzi ewlenin.

L-enfasi ma għandhiex tkun għalkollox fuq il-ħolqien ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali u servizzi relatati, iżda wkoll fuq il-governanza marbuta mal-operat ta' tali pjattaformi.

Pjattaformi ġodda ta' servizzi ewlenin għandhom jissejsu l-aktar fuq pjattaformi eżistenti u l-elementi modulari tagħhom u/jew, fejn possibbli, għandhom iżidu elementi modulari ġodda.

#### 1. L-infrastrutturi ta' servizzi diġitali b'elementi modulari, identifikati minn qabel fil-programmi ta' ħidma, skont l-Artikoli 6(1) u 6(2):

- (a) Identifikazzjoni u awtentikazzjoni elettronika: tirreferi għal servizzi li jippermettu r-rikonoxximent transfruntier u l-validazzjoni tal-identifikazzjoni elettronika u l-firma elettronika.
- (b) Twassil elettroniku tad-dokumenti: tirreferi għal servizzi għat-trażmissjoni transfruntiera sikura u traċċabbli ta' dokumenti elettroniċi.
- (c) Traduzzjoni awtomatizzata: tirreferi għat-traduzzjoni bil-magna u riżorsi lingwistiċi speċjalizzati, inklużi l-għodod neċessarji u l-interfaċċi ta' programmar meħtieġa għall-operat tas-servizzi diġitali pan-Ewropej f'ambjent multilingwi.
- (d) Appoġġ ta' infrastrutturi diġitali kritiċi: tirreferi għall-kanali ta' komunikazzjoni u l-pjattaformi intiżi li jsaħħu l-kapaċità mal-UE kollha

għat-tħejjija, għall-qsim tal-informazzjoni, għall-koordinazzjoni, u għar-rispons għat-theddid ċibernetiku.

- (e) Fatturar elettroniku: tirreferi għal servizzi li jippermettu l-iskambju elettroniku tal-fatturi.

**2. Infrastrutturi ta' servizzi diġitali oħra, identifikati minn qabel bħala eliġibbli skont l-Artikolu 6(1):**

- (a) Servizzi interoperabbli transfruntiera ta' akkwist elettroniku: Tirreferi għal sett ta' servizzi, li jistgħu jintużaw minn fornituri ta' servizzi ta' akkwist elettroniku tas-settur pubbliku u dak privat, sabiex jistabilixxu pjattaformi transfruntiera ta' akkwist elettroniku. Din l-infrastruttura għandha tippermetti lil kwalunkwe kumpanija fl-UE twieġeb għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku minn kwalunkwe awtorità jew entità kontraenti fi kwalunkwe Stat Membru li jkopri attivitajiet ta' akkwist elettroniku ta' qabel u ta' wara l-għoti, inklużi funzjonalitajiet bħat-tressiq elettroniku tal-offerti, portafoll virtwali ta' kumpanija, katalogi elettroniċi, ordnijiet elettroniċi, u fatturar elettroniku.
- (b) Servizzi tas-saħħa elettronika interoperabbli u transfruntiera: Tirreferi għal pjattaformi li tippermetti l-interazzjoni bejn iċ-ċittadini/il-pazjenti u l-fornituri ta' kura tas-saħħa, it-trażmissjoni tad-dejta minn istituzzjoni għal oħra u minn organizzazzjoni għal oħra, jew il-komunikazzjoni peer-to-peer bejn iċ-ċittadini/il-pazjenti u/jew il-professionisti tas-saħħa u l-istituzzjonijiet. Is-servizzi għandhom jikkostitwixxu aċċess transfruntier għal rekords elettroniċi tas-saħħa, servizzi ta' preskrizzjoni elektronika, kif ukoll kura remota tas-saħħa / teleservizzi ta' għajxien assistita, eċċ.
- (c) Il-Pjattaforma Ewropea għall-interkonnnessjoni ta' reġistri Ewropej ta' negozji: Tirreferi għal pjattaformi li tipprovdi sett ta' għodod u servizzi ċentrali li jippermettu lir-reġistri ta' negozji fl-Istati Membri kollha jiskambjaw informazzjoni dwar negozji reġistrati, il-fergħat tagħhom, il-merġers u l-istralċi. Għandha tipprovdi wkoll servizz ta' tiftix multilingwi u bejn ħafna pajjiżi, għal utenti li jużaw Punt ta' Aċċess Ċentrali aċċessibbli permezz tal-portal e-Ġustizzja.
- (d) Aċċess għal informazzjoni tas-settur pubbliku li tista' terġa' tintuża: Tirreferi għal pjattaforma għall-punt ta' aċċess uniku għas-settijiet ta' dejta multilingwi (il-lingwi uffiċjali tal-UE) miżmumin minn korpi pubbliċi fl-UE fil-livelli Ewropew, nazzjonali, reġjunali u lokali; għodod ta' tiftix u viżwalizzazzjoni tas-settijiet ta' dejta; l-iżgurar li s-settijiet ta' dejta disponibbli jiġu anonimizzati u liċenzjati kif suppost, u fejn applikabbli, jiġu pprezzati għall-pubblikazzjoni, ridistribuzzjoni u użu mill-ġdid, bl-inklużjoni ta' traċċa għall-awditjar tal-orijini ta' dejta.
- (e) Proċeduri elettroniċi għall-istabbiliment u t-tmexxija ta' negozju f'pajjiż Ewropew ieħor: Dan is-servizz għandu jippermetti l-ġestjoni tal-proċeduri amministrattivi kollha meħtieġa b'mod elettroniku u transfrunter, permezz ta' Punti Uniċi ta' Kuntatt. Dan is-servizz huwa rekwiżit fid-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern.
- (f) Aċċess għal riżorsi diġitali ta' wirt Ewropew: Tirreferi għall-pjattaforma ta' servizzi ewlenin imsejsa fuq il-portal attwali Europeana. Il-pjattaforma se tipprovdi punt ta' aċċess uniku għall-kontenut tal-wirt kulturali

Ewropew fil-livell tal-elementi, sett ta' speċifikazzjonijiet ta' interfaċċa għall-interazzjoni mal-infrastruttura (tiftix għal dejta, tniżżil ta' dejta), appoġġ għall-adattament ta' metadejta u d-dħul ta' kontenut ġdid, kif ukoll informazzjoni dwar kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tal-kontenut aċċessibbli permezz tal-infrastruttura.

- (g) Infrastruttura għal servizzi ta' internet aktar sikur: Tirreferi għall-pjattaforma għall-ksib, l-operat u l-manutenzjoni ta' faċilitajiet informatiċi maqsuma, bażijiet tad-dejta u għodod ta' software għaċ-Ċentri għal Internet aktar Sikur (SICs) fl-Istati Membri. L-operati tal-back office għall-ġestjoni tar-rappurtar ta' kontenut ta' abbuż sesswali huma inklużi, kif ukoll il-konnessjoni ma' awtoritajiet ta' pulizija, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Interpol, u fejn xieraq, il-ġestjoni tat-tneħħija ta' dan il-kontenut mill-websajts relevanti. Dan għandu jiġi appoġġjat minn bażijiet tad-dejta komuni.
- (h) Servizzi onlajn interoperabbli u transfruntiera: Tirreferi għal pjattaformi li se jiffaċilitaw l-interoperabbiltà u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri f'oqsma ta' interess komuni, b'mod partikulari bil-għan li jtejbu l-funzjonament tas-Suq Intern, bħall-eĠustizzja; li se jippermettu l-aċċess onlajn transfruntiera ta' ċittadini, negozji, organizzazzjonijiet u Prattikanti legali għal mezzi/dokumenti legali u proċeduri ġudizzjarji; is-Soluzzjoni Onlajn tat-Tilwim (ODR), li se tippermetti s-soluzzjoni onlajn ta' tilwim transfruntier bejn konsumaturi u bejjiegħa; u l-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni tas-Sigurtà Soċjali, u għandu jgħin lill-korpi ta' sikurezza soċjali mal-UE kollha jiskambjaw l-informazzjoni b'mod aktar rapidu u sikur.

## Taqimsa 2. Netwerks tal-broadband

### 1. L-ambitu tal-azzjonijiet

L-azzjonijiet għandhom jikkonsistu, b'mod partikulari, minn komponent wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- (a) L-iskjerar ta' infrastruttura fiżika passiva, infrastruttura fiżika attiva, jew kombinazzjoni tat-tnejn, u elementi ta' infrastruttura anċillari, flimkien mas-servizzi meħtieġa għall-operat ta' tali infrastruttura;
- (b) Faċilitajiet assoċjati u servizzi assoċjati, bħall-istallazzjoni ta' wajers, antenni, torrijiet u konstruzzjonijiet oħra ta' appoġġ fil-bini, kanali, pajpijiet, arbli, toqob tal-ispezzjonar, u kabinetti;
- (c) L-isfruttar ta' sinerġiji potenzjali bejn l-iskjerar ta' netwerks tal-broadband u netwerks oħra ta' utilitajiet (enerġija, trasport, ilma, drenaġġ, eċċ.), b'mod partikulari dawk marbutin mad-distribuzzjoni intelliġenti tal-enerġija.

### 2. Kontribut għall-ilħiq tal-miri tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa

Il-proġetti kollha appoġġjati finanzjarjament fil-qafas ta' dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ilħiq tal-miri tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa.

- (a) Azzjonijiet iffinanzjati direttament mill-Unjoni għandhom:

- (a) jissejsu fuq teknoloġija tal-ogħla livell, tkunx bil-fili jew bla fili, ikunu kapaċi jwasslu servizzi tal-broadband b'veloċitajiet għoljin ħafna, u b'hekk jilħqu d-domanda għall-applikazjonijiet li jitolbu medda ta' frewkenzi wiesgħa, jew
  - (b) jissejsu fuq mudelli ta' negozju innovattivi u/jew jiġbdu kategoriji ġodda ta' promoturi ta' proġetti, jew kategoriji ġodda ta' investituri, jew
  - (c) ikollhom potenzjal għoli ta' replikabbiltà, u b'hekk jippermettu l-ksib ta' impatt aktar qawwi fuq is-suq bis-saħħa tal-effett ta' dimostrazzjoni tagħhom.
- (b) Azzjonijiet iffinanzjati minn kontributi addizzjonali delimitati kif ipprovdut skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru xxxx/2012 [ir-Regolament tas-CEF] għandhom iġibu kapaċitajiet sinifikanti ġodda lis-suq f'termini ta' disponibbiltà tas-servizz, veloċitajiet u kapaċità tal-broadband. Il-proġetti li jipprovdur veloċitajiet ta' trażmissjoni tad-dejta ta' inqas minn 30 Mbps għandhom jiżguraw, progressivament, iż-żieda tal-veloċitajiet sa mill-inqas 30 Mbps.

### 3. Valutazzjoni tal-proġetti biex jiġu stabbiliti strutturi ottimali ta' finanzjament

L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet għandha tissejjes fuq valutazzjoni komprensiva tal-proġett. Tali valutazzjoni tal-proġett għandha tkopri, fost l-oħrajn, kundizzjonijiet tas-suq inkluża informazzjoni dwar infrastruttura eżistenti u/jew ippjanata, obbligi regolatorji fuq promoturi ta' proġetti, kif ukoll strateġiji kummerċjali u ta' kummerċjalizzazzjoni. B'mod partikulari, il-valutazzjoni tal-proġett għandha tistabbilixxi jekk il-programm:

- (a) hux meħtieġ biex jindirizza n-nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investment,
- (b) ma jwassalx għal tagħwiġ fis-suq u għall-isfullar tal-investment privat.

Dawn il-kriterji għandhom jiġu stabbiliti primarjament abbażi tal-potenzjal tad-dħul u l-livell ta' riskju assoċjat ma' proġett, kif ukoll it-tip ta' żona ġeografika koperta minn azzjoni.

### 4. Modalitajiet ta' finanzjar

- (a) Proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-broadband għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' strumenti finanzjarji. Il-baġit allokat għal dawn l-istrumenti għandu jkun suffiċjenti, iżda ma għandux jaqbeż l-ammont li huwa meħtieġ għall-istabbiliment ta' intervent għalkollox operattiv, u għall-ilħiq ta' daqs minimu ta' strument effiċjenti.
- (b) Soġġett għar-regoli tar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE) Nru xxxx/2012 [ir-Regolament tas-CEF] u r-Regolamenti (UE) Nru xxxx (2013) [kollha Regolamenti tal-ESIF], l-istrumenti finanzjarji msemmija fil-punt (a) jistgħu jiġu kkombinati ma' kontributi addizzjonali mingħand:
  - (a) partijiet oħra tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;
  - (b) strumenti, programmi u linji baġitarji oħra fil-baġit tal-Unjoni;
  - (c) l-Istati Membri, inklużi awtoritajiet reġjunali u lokali, li jiddeċiedu li jikkontribwixxu riżorsi proprji jew ir-riżorsi disponibbli mill-ESIF.

**Il-kontributi mill-ESIF se jkunu delimitati ġeografikament biex jiġi żgurat li jintefqu fi Stat Membri jew f'reġjun li jagħti kontribut;**

- (d) **kull investitur ieħor, inklużi l-investituri privati.**
- (c) **Strumenti finanzjarji msemmija fil-punti (a) sa (b) jistgħu jiġu kkombinati wkoll ma' għotjiet mingħand Stati Membri, inklużi awtoritajiet reġjunali jew lokali, li jixtiequ jikkontribwixxu riżorsi proprji jew riżorsi disponibbli mill-ESIF, dejjem jekk:**
  - (a) **l-azzjoni kkonċernata tilħaq il-kriterji kollha għall-finanzjament fil-qafas ta' dan ir-Regolament, u**
  - (b) **tkun inkisbet l-approvazzjoni rilevanti tal-għajnuna mill-istat.**

### **Taqsim 3. Azzjonijiet orizzontali**

**L-iskjerar tan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej, li se jgħin biex ineħħi l-konġestjoni li teżisti fis-suq uniku diġitali, se jkun akkumpanjat minn studji u azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jikkonsistu minn:**

- (a) **Għajununa teknika għat-tħejija jew appoġġ għall-azzjonijiet ta' implimentazzjoni fl-iskjerar tagħhom, fil-governanza tagħhom, u fl-indirizzar ta' problemi eżistenti jew emerġenti ta' implimentazzjoni.**
- (b) **Azzjonijiet li jixprunaw id-domanda eżistenti, jew li joħlqu domanda ġdida għal infrastrutturi ta' servizzi diġitali.**
- (c) **Il-koordinazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni fil-qafas ta' dan ir-Regolament tal-appoġġ mingħand kull sors ieħor disponibbli, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni ta' infrastruttura u l-ispostar tal-investimenti privati.**

Il-proġetti ta' interess komuni għandhom jimmiraw għat-tneħħija tal-konġestjonijiet li jxekklu t-tlestija tas-Suq Uniku, jiġifieri jipprovdu konnettività għan-netwerk u aċċess, inkluż fuq livell transkonfinali, għal infrastrutturi tas-servizz diġitali.

L-użu u t-titjib tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej (netwerks tal-broadband u infrastrutturi tas-servizzi diġitali) għandhom jikkontribwixxu għat-trawwim tal-ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-kisba ta' suq diġitali uniku mimli ħajja. B'mod partikolari, l-użu tagħhom se jagħti aċċess aktar veloċi għall-internet, iwassal għal titjib iffaċilitat mit-teknoloġija tal-informazzjoni fil-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini, inklużi t-tfal u ż-żgħażaġh, in-negozji u l-gvernijiet, iżid l-interoperabbiltà u jiffaċilita l-allinjament jew il-konverġenza ma' standards maqbula b'mod komuni.

### **Taqsim 1: Prijoritajiet orizzontali**

L-użu ta' netwerks trans-Ewropej tat-telekomunikazzjoni li se jgħinu t-tneħħija tal-konġestjonijiet eżistenti fis-suq uniku diġitali għandu jiġi akkumpanjat minn studji u azzjonijiet ta' appoġġ għall-programm. Dawn huma:

- (a) — ~~Ġestjoni, immappjar u servizzi innovattivi. Miżuri ta' assistenza teknika, fejn ikunu neċessarji għall-użu u l-amministrazzjoni, għandhom jinkludu ppjanar tal-proġett u tal-investment u studji tal-fattibbiltà, b'appoġġ tal-miżuri tal-investment u l-istrumenti finanzjarji. L-immappjar ta' infrastruttura tal-broadband pan-Ewropea se tiżviluppa dokumentazzjoni u sħarriġ fiżiku kontinwi u dettaljati tas-siti rilevanti, analiżi tad-dritt tal-passaġġ,~~

valutazzjonijiet tal-potenzjal għall-aġġornament tal-faċilitajiet eżistenti, eċċ. Għandha ssegwi l-prinċipji tad-Direttiva 2007/2/KE (id-Direttiva INSPIRE) u l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni relatati. Il-miżuri ta' assistenza teknika jistgħu jappoġġaw ukoll ir-replikar ta' mudelli ta' investimenti u użu li kellhom suċċess.

Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu wkoll protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima sabiex jiġu valutati r-riskji relatati mal-klima u tiġi żgurata r-reżistenza kontra d-diżastri tal-infrastruttura, f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-UE jew dik nazzjonali.

- (b) Azzjonijiet ta' appoġġ u miżuri tekniċi oħra ta' appoġġ. Dawn l-azzjonijiet huma meħtieġa sabiex titħejja jew tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni jew tiġi aċċelerata t-tnejja tagħhom. Fil-qasam tas-servizzi diġitali, l-azzjonijiet ta' appoġġ għandhom jistimulaw u jipromwovu wkoll l-użu tal-infrastrutturi l-ġodda tas-servizz diġitali li jistgħu jsiru neċessarji jew utli abbażi tal-iżviluppi teknoloġiċi, tal-bidliet fis-swieq rilevanti jew fil-prijoritajiet tal-politika emerġenti.

## Taqsim 2: Netwerks tal-broadband

L-investimenti kollha fil-broadband fi ħdan it-territorju tal-Unjoni jespandu l-kapaċità tan-netwerk u jgħibu benefiċċji għall-utenti kollha potenzjali, inklużi dawk fi Stati Membri għajr il-pajjiż tal-investment. L-investment f'dawn in-netwerks se jwassal għal aktar kompetizzjoni u aktar innovazzjoni fl-ekonomija, se jwassal servizzi pubbliċi aktar effiċjenti u effettivi, jikkontribwixxi għall-miri tal-UE għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u għall-kompetittività u l-produttività globali tal-UE.

L-investment fl-infrastruttura tal-broadband sar prinċipalment minn investituri privati u huwa mistenni li se jibqa' hekk. Madankollu, il-kisba tal-miri tal-Aġenda Diġitali se tirrikjedi investment f'oqsma li għalihom m'hemmx każ ċar ta' negozju jew fejn il-każ ta' negozju jista' jkollu bżonn li jiġi mtejjeb fi ħdan il-qafas taż-żmien tal-miri. Jistgħu jiġu karatterizzati dawn it-tipi ta' żoni li ġejjin abbażi tal-investment probabbli:

Żoni suburbani/b'densità medja tipikament jinqdew b'konnessjonijiet b'veloċità medja iżda għandhom it-tendenza li ma jkollhomx veloċitajiet oġhla. Fejn jintwera li l-każ ta' negozju għall-investimenti f'teknoloġiji avvanzati huwa insuffiċjenti għall-investituri privati fuq medda qasira taż-żmien, l-appoġġ finanzjarju jista' jiġġenera investment li jħalli l-profitt fuq perjodu aktar fit-tul billi jagħlaq id-differenza fil-vijabbiltà u jstimula l-kompetizzjoni.

Żoni rurali u b'densità baxxa tipikament jinqdew b'konnessjonijiet b'veloċitajiet baxxi u f'ċerti każijiet anqas biss għandhom aċċess. Il-każ ta' negozju għall-investment ma jkunx probabbli li jkun vijabbli u l-miri Ewropej ikunu improbabbli li jintlaħqu sal-2020. L-investment f'dawn iż-żoni jeħtieġ appoġġ finanzjarju akbar, ipprovdut minn għotjiet, possibbilment flimkien ma' strumenti finanzjarji. Żoni bħal dawn se jinkludu reġjuni remoti u reġjuni b'popolazzjoni żgħira fejn l-ispejjeż tal-investment ikunu jew għoljin ħafna jew fejn l-introjtu jkun baxx. L-appoġġ mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa f'dawn iż-żoni għandu l-probabbiltà li jikkomplimenta l-fondi ta' koeżjoni disponibbli jew għall-iżvilupp rurali u appoġġ pubbliku dirett ieħor.

~~Żoni b' densità għolja/urbani għajr għal xi reġjuni ta' introjtu baxx tipikament għandhom aċċess tajjeb għal konnessjonijiet b' veloċità medja sa għolja, u spiss huma pprovduti b' offerti kompetittivi tal operaturi tal kejbil u tat telekomunikazzjoni. Madankollu, minħabba din is sitwazzjoni relattivament sodisfaċenti, l inċentivi tas suq biex isir investiment f' netwerks b' veloċitajiet ferm għoljin bħall fibra għad dar huma limitati. Għaldaqstant, l appoġġ finanzjarju jista' jkun previst ukoll għal investimenti f' żoni urbani b' popolazzjonijiet b' densità għolja li ma jattirawx biżżejjed investiment minkejja l benefiċċji soċjali li jkun jiġġenera, sakemm dan ikun f' konformità sħiħa mal Artikoli 101, 102 u 106 tat Trattat dwar il Funzjonament tal Unjoni Ewropea, kif ukoll, jekk rilevanti, mal Linji Gwida Komunitarji għall applikazzjoni tar regoli dwar l għajjnuna mill Istat f' rabta mal introduzzjoni rapida tan netwerks tal broadband.~~


~~Fir reġjuni anqas żviluppati, l appoġġ għall użu tan netwerks tal broadband għandu primarjament ikun ipprovdut permezz tal istrumenti tal Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni. Għotjiet u / jew strumenti finanzjarji mill Faċilità Nikkollegaw l Ewropa jistgħu jikkumplimentaw appoġġ bħal dan fejn ikun neċessarju biex jinkisbu l għanijiet ta' dan ir Regolament. Il kisba ta' sinerġiji bejn l azzjonijiet tas CEF f' dawk ir reġjuni u l appoġġ mill Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni jista' jiġi rinfurzat bl użu ta' mekkaniżmu adattat li jixraq<sup>21</sup>.~~

~~Il klassifikazzjoni tar reġjuni għall kategoriji ta' hawn fuq hija pprovduta b' mod indikattiv fil mappa hawn taħt.~~

---

<sup>21</sup> Kif stabbilit fl-Artikolu 11(e) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u għas-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1083/2006. COM(2011)615 finali





**Population density by NUTS3 region, 2004**

Inhabitants/km<sup>2</sup>

- <100, Rural areas
- 100-500, Suburban areas
- >500, Urban areas
- No data

EU-27 = 114

Source: Eurostat

0 100 500km

~~Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġett ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks tal-broadband għandu jikkostitwixxi portafoll bilanċjat li jinkludi azzjonijiet li jikkontribwixxu kemm għal miri tal-Aġenda Diġitali ta' 30Mbps kif~~

ukoll ta' 100Mbps, u jkopru b' mod partikolari żoni suburbani u rurali, kif ukoll żoni madwar l-Unjoni Ewropea.

~~Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġett ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks tal-broadband, irrispettivament mit-teknoloġija użata, għandhom:~~

- ~~(a) — Jappoġġaw investimenti f'netwerks tal-broadband li kapaċi jilhqgħ l-mira tal-Aġenda Diġitali 2020 ta' kopertura universali ta' 30Mbps; jew~~
- ~~(b) — Jappoġġaw investimenti f'netwerks tal-broadband li kapaċi jilhqgħ l-mira tal-Aġenda Diġitali 2020 u li jkollhom mill-anqas 50 % tad-djar abbonati għal veloċitajiet 'il fuq minn 100Mbps;~~
- ~~(c) — Jikkonformaw mal-liġi applikabbli, b' mod partikolari mal-liġi tal-kompetizzjoni~~

~~u b' mod partikolari, għandhom jikkonsistu f' waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:~~

- ~~(a) — L-użu ta' infrastruttura fiżika passiva jew l-użu ta' infrastruttura fiżika passiva u attiva kombinati u elementi anċillari għall-infrastruttura, flimkien mas-servizzi neċessarji għall-operat ta' tali infrastruttura;~~
- ~~(b) — Faċilitajiet assoċjati u servizzi assoċjati, bħas-sistema tal-wajers tal-bini, l-antenni, it-torrijiet u kostruzzjonijiet oħra ta' sostenn, kanali, kondjuwits, arbli, toqob tal-ispezzjonar u kabinetti;~~
- ~~(c) — L-isfruttament tas-sinerġiji potenzjali bejn it-tneđija ta' netwerks tal-broadband u netwerks ta' utilitajiet oħra (l-enerġija, it-trasport, l-ilma, id-drenaġġ, eċċ), b' mod partikolari dawk relatati mad-distribuzzjoni intelliġenti tal-elettriku.~~

~~L-użu tan-netwerks tal-broadband biex jiġu konnessi l-gżejjer, ir-reġjuni mingħajr kosta tal-ilma u dawk periferiċi mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni, inkluż fejn ikun neċessarju l-kejbils f'qiegħ il-baħar, se jiġu appoġġati fejn huwa essenzjali li jkun żgurat aċċess minn komunitajiet iżolati għal broadband ta' 30Mbps u aktar. Dan l-appoġġ għandu jikkumplimenta fondi oħra, tal-UE jew nazzjonali, disponibbli għal dan l-iskop.~~

~~Sabiex jiġi evitat id-dubju, il-provvediment ta' servizzi jew l-eżerċizzju ta' kontroll editorjali fuq il-kontenut trasmess permezz tan-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-servizzi tas-soċjetà tal-informatika kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34/KE, li ma jikkonsistux kompletament jew primarjament fit-twassil ta' sinjali fuq netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, mhumiex koperti mill-ambitu tal-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġett ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks tal-broadband.~~

~~Il-benefiċjarji ta' appoġġ mill-UE għall-proġett ta' interess komuni fil-qasam tal-broadband jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:~~

- ~~(a) — Operaturi tat-telekomunikazzjoni (stabbiliti, kemm jekk jinvestu direttament jew permezz ta' sussidjarju jew parteċipant ġdid) li jvaraw investimenti f'netwerks tal-broadband veloċi u ultraveloċi.~~
- ~~(b) — Kumpaniji tal-utilitajiet (eż. l-ilma, id-drenaġġ, l-enerġija, it-trasport), li huma mistennija li jinvestu f'netwerks passivi tal-broadband, waħedhom jew fi sħubija mal-operaturi.~~

- (c) — Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fuq livell reġjonali, inklużi l-muniċipalitajiet, li jistgħu jistabbilixxu konċessjonijiet għall-infrastrutturi tal-broadband. Dawk li jipprovdu t-tagħmir jistgħu jkunu interessati f'arranġament bħal dan, permezz tal-ħolqien ta' kumpanija bi skop speċjali.
- (d) — Shubijji bejn diversi operaturi attivi fis-swieq bil-fili u mingħajr fili sabiex tinbena ġenerazzjoni ġdida ta' infrastrutturi.

Fil-bini tal-portafoll, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-ħtiġijiet ta' investment tal-Istati Membri f'termini tal-għadd ta' djar li għandhom jiġu konnessi bl-appoġġ tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

Barra minn hekk, il-konnessjonijiet b'veloċità għolja mqabba ma' punti ta' aċċess ta' interess pubbliku, b'mod partikolari l-faċilitajiet pubbliċi, bħall-iskejjel, l-isptarijiet, l-uffiċċji tal-gvern lokali u l-libreriji, għandhom ikunu appoġġati wkoll.

### Taqsim 3: Infrastrutturi tas-Servizzi Diġitali

L-implimentazzjoni tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali għandha tikkontribwixxi għar-realizzazzjoni tas-suq uniku diġitali billi tneħħi l-konġestjonijiet eżistenti f'termini ta' użu tas-servizz. Din se jintlaħaq permezz tal-ħolqien u/jew it-titjib ta' pjattaformi interoperabbli tal-infrastruttura tas-servizz diġitali, akkumpanjati minn infrastrutturi essenzjali tas-servizz diġitali bażiċi. Għandha tkun ibbażata fuq approċċ f'żewġ livelli:

- (1) — Il-pjattaformi tas-servizzi ċentrali huma l-element(i) ċentrali jew iċ-ċentru(i) (hubs) tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali essenzjali biex tkun żgurata l-konnettività trans-Ewropea, l-aċċess u l-interoperabbiltà. Dan jista' jinkludi wkoll tagħmir fiżiku, bħal servers, netwerks dedikati u għodod tas-softwer. Il-pjattaformi tas-servizzi ċentrali huma miftuħa għall-entitajiet fl-Istati Membri kollha.
- (2) — Is-servizzi ġeneriċi jipprovdu l-funzjonalità u l-kontenut tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali. Dawn jistgħu jkunu interkonnessi permezz ta' pjattaforma tas-servizz ċentrali.

Il-proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali huma dawn li ġejjin:

Konnessjonijiet bażi trans-Ewropej ta' veloċità għolja għall-amministrazzjonijiet pubbliċi

Infrastruttura bażi trans-Ewropea ta' servizzi pubbliċi se tipprovdi konnettività ultraveloċi u bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi tal-UE f'oqsma bħall-amministrazzjoni pubblika, il-kultura, l-edukazzjoni u s-saħħa. Din l-infrastruttura bażi se tappoġġa servizzi pubbliċi ta' valur Ewropew permezz ta' kwalità kkontrollata ta' servizzi u aċċess sikur. Għalhekk se tiggarantixxi kontinwità diġitali ta' provvediment ta' servizzi pubbliċi għall-benefiċċju akbar ta' ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet. Se tippermetti aggregazzjoni tad-domanda għall-konnettività, tilħaq massa kritika u tnaqqas l-ispejjeż.

Pjattaforma tas-servizz ċentrali:

L-infrastruttura se tkun ibbażata fuq il-baġi eżistenti tal-internet u fejn ikun meħtieġ se jiġu introdotti netwerks ġodda. Il-konnessjonijiet se jsiru direttament jew permezz ta' infrastrutturi ġestiti b'mod reġjonali jew nazzjonali. B'mod partikolari se tipprovdi konnettività għal servizzi trans-Ewropej oħrajn inter alia dawk imsemmija

f'dan l-Anness. Din l-infrastruttura se tiġi integrata b'mod sħiħ fl-internet bħala kapaċità ewlenija għas-servizz pubbliku trans-Ewropew u se tappoġġa l-adozzjoni ta' standards emerġenti (eż. protokoll tal-Internet bħall-IPv6<sup>22</sup>). Tista' tiġi kkunsidrata infrastruttura sottostanti dedikata għall-konnessjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi jekk din tkun meħtieġa għal raġunijiet ta' sigurtà.

Servizzi ġeneriċi:

L-integrazzjoni tal-pjattaforma ċentrali fis-servizzi pubbliċi Ewropej se tiġi faċilitata bl-użu ta' servizzi ġeneriċi: awtorizzazzjoni, awtentikazzjoni, sigurtà bejn id-dominji u bandwidth fuq talba, federazzjoni tas-servizzi, ġestjoni tal-mobbiltà, kontroll tal-kwalità u kontroll tal-prestazzjoni, integrazzjoni tal-infrastrutturi nazzjonali.

Is-servizz interoperabbli tal-'cloud computing' se jipprovdi l-funzjonalità ta' infrastruttura bażi li fuqha jistgħu jiġu offruti 'clouds' għas-servizzi pubbliċi trans-Ewropej. Dan jinkludi servizzi trans-Ewropej tat-tip ta' netwerk bħal vidjokonferenza, ħażna virtwali u applikazzjonijiet ta' sostenn li jużaw ħafna l-komputer, inklużi dawk relatati ma' proġetti oħra ta' interess komuni.

Twassil transkonfinali ta' servizzi ta' Gvern elettroniku

Gvern elettroniku jirreferi għall-interazzjoni diġitali bejn l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini, l-awtoritajiet pubbliċi u n-negozji u l-organizzazzjonijiet, u fost l-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi differenti. Pjattaformi ta' interazzjoni standardizzati, transkonfinali u faċili għall-utent se jiġġeneraw żidiet fl-effiċjenza kemm fl-ekonomija kif ukoll fis-settur pubbliku u se jikkontribwixxu għas-Suq Uniku.

Pjattaforma tas-servizz ċentrali:

Identifikazzjoni u awtentikazzjoni elettronika interoperabbli madwar l-Ewropa. Se jintuża sett ta' servers ta' awtentikazzjoni u protokoll konnessi u sikuri li jiżguraw l-interoperabbiltà tal-varjetà ta' sistemi ta' awtentikazzjoni u identifikazzjoni u awtorizzazzjoni li jeżistu fl-Ewropa. Din il-pjattaforma se tippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji jaċċessaw is-servizzi online meta dawn ikunu meħtieġa għal, pereżempju, l-istudju, ix-xogħol, l-ivvjaġġar, biex jieħdu l-kura tas-saħħa jew għan-negozjar f'pajjiż barrani. Se tikkostitwixxi s-saff ċentrali għal dawk is-servizzi diġitali kollha li għalihom huma meħtieġa l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni elettroniċi: eż. l-akkwist elettroniku, servizzi tas-saħħa online, rappurtar standardizzati tan-negozju, skambju elettroniku tal-informazzjoni legali, reġistrazzjoni trans-Ewropea ta' kumpanija online, servizzi tal-Gvern elettroniku għan-negozji, inkluż komunikazzjoni bejn ir-reġistri tan-negozji relatati mal-fużjonijiet transkonfinali u l-fergħat barranin. Din il-pjattaforma tista' tuża wkoll rizersi u għodod tal-pjattaforma ċentrali multilingwi.

Servizzi ġeneriċi:

- (a) Proċeduri elettroniċi għall-istabbiliment u t-tmexxija ta' negozju f'pajjiż Ewropew ieħor: Dan is-servizz se jippermetti li l-proċeduri amministrattivi neċessarji kollha jiġu ttrattati b'mod elettroniku bejn il-fruntieri permezz ta' Punti ta' Kuntatt Uniku. Dan is-servizz huwa rekwiżit ukoll tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern.
- (b) Servizzi transkonfinali interoperabbli tal-akkwist elettroniku: Dan is-servizz se jippermetti li kwalunkwe kumpanija fl-UE tirrispondi għal offerti pubbliċi

<sup>22</sup>

Referenza għall-komunikazzjoni dwar l-ipv6: COM(2008)313 L-iżvilupp tal-Internet, pjan ta' azzjoni għall-użu tal-verżjoni 6 tal-Protokoll tal-Internet (IPv6) fl-Ewropa.

~~Ewropej minn kwalunkwe Stat Membru li jkopri attivitajiet ta' akkwist elettroniku qabel l-għoti u wara l-għoti, bl-integrazzjoni ta' attivitajiet bħas-Sottomissjoni Elettronika tal-offerti, Dossier tal-Kumpaniji Virtwali, Katalgi elettroniċi, Ordnijiet elettroniċi u Fatturi elettroniċi.~~

- ~~(e) — Servizzi transkonfinali interoperabbli tal-Ġustizzja elettronika: Dan is-servizz se jippermetti l-aċċess transkonfinali online ta' ċittadini, in-negozji, l-organizzazzjonijiet u l-professjonisti legali għal mezzi/dokumenti u proċeduri legali. Se jippermetti l-aċċess transkonfinali online (permezz tal-iskambju online ta' dejta u dokumenti) bejn l-awtoritajiet legali fi Stati Membri differenti u b'dan titjib l-abbiltà li l-każijiet legali transkonfinali jiġu pproċessati b'mod iżjed effiċjenti;~~
- ~~(d) — Servizzi transkonfinali interoperabbli tas-Saħħa elettronika: Dawn is-servizzi se jippermettu l-interazzjoni bejn iċ-ċittadini/pazjenti u l-fornituri tal-kura tas-saħħa, it-trasmissjoni tad-dejta minn istituzzjoni għall-oħra u minn organizzazzjoni għall-oħra, jew il-komunikazzjoni minn persuna għall-oħra bejn iċ-ċittadini/pazjenti u/jew il-professjonisti tas-saħħa u l-istituzzjonijiet. L-infrastruttura li se tintuża se tikkonforma mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta kif stipulati, b'mod partikolari, fid-Direttivi 95/46/KE u 2002/58/KE, kif ukoll mar-regoli internazzjonali u nazzjonali tal-etika relatati mal-użu tar-rekords tas-saħħa tal-pazjenti u dejta personali oħra.~~

~~Is-servizzi se jinvolvu aċċess transkonfinali għar-rekords tas-Saħħa elettronika u s-servizzi ta' Riċetti elettroniċi kif ukoll it-teleservizzi remoti tas-saħħa/l-għixien megħjun, servizzi semantiċi transkonfinali multilingwi marbuta mal-pjattaforma multilingwi ċentrali, aċċess għal informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali li tibni fuq l-infrastruttura tal-EESSI (Electronic Exchange of Social Security Information - Skambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali), eċċ.~~

- ~~(e) — Pjattaforma Ewropea għall-interkonnnessjoni tar-reġistri tan-negozju Ewropej: Din il-faċilità se tipprovdi sett ta' għodod u servizzi ċentrali li jippermettu lir-reġistri tan-negozji fl-Istati Membri kollha sabiex jiskambjaw informazzjoni dwar in-negozji rreġistrati, il-fergħat, il-fużjonijiet u l-istralċi tagħhom. Se tipprovdi wkoll servizz ta' tfittxija għal diversi pajjiżi u multilingwi għall-utenti li jużaw il-Punt ta' Aċċess Ċentrali li huwa aċċessibbli permezz tal-portal tal-Ġustizzja elettronika.~~

~~Faċilitazzjoni tal-aċċess għal informazzjoni tas-settur pubbliku u s-servizzi multilingwi~~

~~Aċċess għar-riżorsi diġitali tal-wirt Ewropew~~

~~L-għan ta' din l-infrastruttura huwa li tagħmel disponibbli kollezzjonijiet kbar ta' riżorsi kulturali Ewropej f'forma diġitali u trawwem l-użu mill-ġdid tagħhom minn partijiet terzi, f'konformità sħiħa mad-dritt tal-awtur u d-drittijiet relatati.~~

~~Pjattaforma tas-servizz ċentrali:~~

~~L-iżvilupp tal-pjattaforma tas-servizz ċentrali se jibni fuq il-portal attwali tal-Europeana. Il-pjattaforma li tirrikjedi l-iżvilupp, l-operat u l-amministrazzjoni ta' informatika distribwita, faċilitajiet ta' ħażna tad-dejta u softwer se tipprovdi punt ta' aċċess uniku għal kontenut tal-wirt kulturali Ewropew fil-livell ta' oġġett, sett ta' speċifikazzjonijiet tal-interfaċċa biex jinteraġixxu mal-infrastruttura (tifitx għal dejta,~~

tniżżil ta' dejta), appoġġ għall-adattament tal-metadejta u l-inġestjoni ta' kontenut ġdid, kif ukoll informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tal-kontenut aċċessibbli permezz tal-infrastruttura.

Se tipprovidi wkoll il-mezzi għall-istabbilment ta' interazzjoni mal-fornituri tal-kontenut, l-utenti (iċ-ċittadini li jaċċessaw il-portal) u l-utenti mill-ġdid (l-industriji kreattivi), għall-promozzjoni tal-pjattaforma, il-koordinazzjoni ta' netwerks relatati u l-iskambju tal-informazzjoni.

Servizzi ġeneriċi:

- (a) — Aggregazzjoni tal-kontenut miżmum minn istituzzjonijiet kulturali u detenturi privati tal-kontenut fl-Istati Membri
- (b) — Faċilitajiet ta' għajjnuna minn sorsi varji (crowd-sourcing) li jinkoraġġixxu l-interattività u jippermettu lill-utenti biex jagħmlu kontribut attiv għas-sit
- (c) — Servizzi faċli għall-utenti għall-kwistjonijiet li jindirizzaw il-portal bħat-titjib fit-tfittxija u l-ibbrawżjar kif ukoll l-aċċess fil-lingwi differenti
- (d) — Skambju tal-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-infrastrutturi tal-liċenzjar;
- (e) — Ċentri ta' kompetenza dwar id-diġitalizzazzjoni u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali diġitali
- (f) — Repożitorji tal-kontenut għall-istituzzjonijiet kulturali u l-kontenut iġġenerat mill-utent u l-preservazzjoni tagħhom għall-perjodu fit-tul

Aċċess għall-informazzjoni tas-settur pubbliku li tista' terġa tintuża

Din l-infrastruttura tas-servizz diġitali se tiffaċilita l-aċċess għall-użu mill-ġdid għall-informazzjoni kollha li tista' tingħata miżmuma għand is-settur pubbliku fl-UE.

Pjattaforma tas-servizz ċentrali:

L-informatika distribwita, il-faċilitajiet tal-ħażna tad-dejta u s-softwer se jipprovidu: punt ta' aċċess uniku għal settijiet tad-dejta multilingwi (il-lingwi uffiċjali kollha tal-UE) miżmuma minn korpi pubbliċi fl-UE fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali; għodod ta' mistoqsijiet u viżwalizzazzjoni tas-settijiet tad-dejta; assigurazzjoni li s-settijiet tad-dejta disponibbli jkunu liċenzjati biex jiġu ppubblikati u distribwiti mill-ġdid, inkluż rendikont tal-entrati tal-orijini tad-dejta; sett ta' interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet għall-klijenti tas-softwer biex jinteraġixxu mal-infrastruttura (tifix għal dejta, ġbir ta' statistika, tniżżil ta' dejta) għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ta' partijiet terzi. Għandha tiffaċilita wkoll il-ġbir u l-pubblikazzjoni ta' statistika dwar l-operat tal-portal, id-disponibbiltà tad-dejta u l-applikazzjonijiet u l-mod kif jintużaw.

Servizzi ġeneriċi:

L-estensjoni gradwali tal-aċċess għas-settijiet kollha tad-dejta miżmuma u magħmula pubbliċi tista' tgħid mill-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha fi ħdan l-UE, inkluż t-tifix multilingwi, li se jinkiseb permezz ta' dawn li ġejjin:

- (a) — l-aggregazzjoni ta' settijiet tad-dejta internazzjonali/tal-UE/nazzjonali/reġjonali/lokali;
- (b) — l-interoperabbiltà tas-settijiet tad-dejta, inkluż kwistjonijiet legali u ta' liċenzjar, sabiex tippermetti użu mill-ġdid aħjar;
- (c) — l-interfaċċa għall-infrastrutturi miftuħa tad-dejta f'pajjiżi terzi;

(d) — ir-repożitorji tad-dejta u servizzi ta' preservazzjoni għal perjodu fit-tul.

~~Aċċess multilingwi għas-servizzi online~~

~~Din l-infrastruttura tas-servizzi se tippermetti lil kull fornitur tas-servizzi attwali jew fil-ġejjieni sabiex joffri l-kontenut u s-servizzi tiegħu fl-aktar firxa wiesgħa ta' lingwi tal-UE fl-aktar mod kosteffiċenti.~~

~~Pjattaforma tas-servizz ċentrali:~~

~~Il-pjattaforma se tippermetti x-xiri, l-manutenzjoni u d-disponibbiltà ta' ġabriet kbar ta' dejta attiva tal-lingwa u għodod ta' pproċessar tal-lingwi li jistgħu jerġgħu jintużaw. Se tkopri l-lingwi kollha tal-UE u se tikkonforma mal-istandards rilevanti u r-rekwiżiti tas-servizz u legali miftiehma. Il-pjattaforma se tippermetti għal żieda flessibbli, manteniment (curation) u rfinar tad-dejta u l-għodod tal-lingwi minn kontributori, u tiżgura aċċess faċli, ġust u sikur u l-forniment ta' skop ġdid għal tali riżorsi minn organizzazzjonijiet li joffru jew jiżviluppaw s-servizzi ffaċilitati mil-lingwa. Il-pjattaforma se tappoġġa wkoll il-kooperazzjoni u l-ħidma flimkien ma' inizjattivi u ċentri tad-dejta simili, li diġà jeżistu jew li se jinbdew fil-ġejjieni, fi-ħdan u barra l-UE.~~

~~Servizzi ġeneriċi:~~

~~Il-pjattaforma se tkun ippopolata minn firxa wiesgħa ta' dejta u riżorsi tas-softwer li jistgħu jerġgħu jintużaw, li jkopru l-lingwi kollha tal-UE. Għandha tiġbor, tarmonizza u tintegra dejta u elementi tas-softwer bħal dawn fi-ħdan infrastruttura distribwita tas-servizz. Għandha trendi disponibbli u f'xi oqsma tiżviluppa jew testendi-dawk ir-riżorsi tad-dejta u tas-softwer li jridu jintużaw bħala-pedamenti għall-iżvilupp, l-adattament skont l-utent u t-twassil tas-servizzi multilingwi jew aċċessi (gateways) multilingwi għal servizzi online.~~

~~Sikurezza u sigurtà~~

~~Infrastruttura ta' servizz tal-internet aktar sikur~~

~~L-appoġġ se jipprovdi servizzi integrati u interoperabbli fuq livell Ewropew, ibbażati fuq għarfien, riżorsi, għodod u prassi kondiviżi u mmirati sabiex it-tfal, il-ġenituri u min jieħu ħsiebhom, u l-għalliema jkollhom is-setgħa jagħmlu l-aħjar-użu mill-internet.~~

~~Pjattaforma tas-servizz ċentrali:~~

~~Il-pjattaforma tas-servizz ċentrali se tippermetti x-xiri, operat u manutenzjoni tal-faċilitajiet tal-kompjuter, bażijiet tad-dejta u għodod tas-softwer kondiviżi għaċ-Ċentri tal-Internet aktar Sikur (SICs — Safer Internet Centres) fl-Istati Membri, kif ukoll l-operazzjonijiet ta' uffiċċju ta' support (back-office) sabiex jimmaniġġjaw ir-rappurtar dwar kontenut ta' abbuż sesswali inkluż r-rabta mal-awtoritajiet ta' politika li jinkludu organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Interpol, u meta jkun xieraq, l-immaniġġjar tat-tneħħija ta' dan il-kontenut mis-siti elettroniċi rilevanti. Dan se jkun appoġġat minn bażijiet tad-dejta komuni.~~

~~Servizzi ġeneriċi:~~

(a) — Linji tat-telefown tal-għajjnuna għat-tfal, il-ġenituri u min jieħu ħsiebhom dwar l-aħjar-mezzi għat-tfal biex jużaw l-internet u jevitaw t-theddid minn-kontenut u-mgħiba ta' ħsara u-illegali, u l-infrastruttura ta' uffiċċju ta' support għall-appoġġ.

- (b) ~~Linji tat-telefown ta' emerġenza għar-rappurtar ta' kontenut illegali ta' abbuż sesswali fuq it-tfal fuq l-internet~~
- (c) ~~Għodod sabiex ikun assigurat aċċess għal kontenut u servizzi skont l-età xierqa,~~
- (d) ~~Softwer li jippermetti rappurtar faċli u veloċi ta' kontenut illegali u t-tneħħija tiegħu, kif ukoll ir-rappurtar ta' azzjonijiet ta' thejġija għall-abbuż (grooming) u ta' bullying.~~
- (e) ~~sistemi ta' softwer li jippermettu l-identifikazzjoni aħjar ta' kontenut ta' abbuż sesswali fuq it-tfal (mhux irrappurtat) fuq l-internet kif ukoll teknoloġiji li jappoġġaw l-investigazzjonijiet tal-pulizija, speċjalment bil-ħsieb li jiġu identifikati t-tfal vittmi, l-azzjonisti vergonjużi (perpetrators) u n-negozjar kummerċjali ta' tali kontenut.~~

#### Infrastrutturi tal-Infurmazzjoni Kritika

~~Il-kanali u pjattaformi tal-komunikazzjoni se jiġi żviluppati u użati sabiex titjib il-kapaċità madwar l-UE għat-thejġija, il-kondiviżjoni tal-infurmazzjoni, il-koordinazzjoni u r-rispons.~~

#### Pjattaforma tas-servizz ċentrali:

~~Il-pjattaforma tas-servizz ċentrali se tikkonsisti f'network ta' Skwadra ta' Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters (CERTs — “Computer Emergency Response Teams”) Nazzjonali/Statali ibbażata fuq sett minimu ta' kapaċitajiet bażi. In-network se jipprovdi l-baży ta' Sistema Ewropea għall-Kondiviżjoni tal-Infurmazzjoni u l-Alerti (EISAS — “European Information Sharing and Alert System”) għaċ-ċittadini u l-SMEs tal-UE.~~

#### Servizzi ġeneriċi:

- (a) ~~Servizzi proattivi — l-osservazzjoni u t-tixrid tat-teknoloġija u l-kondiviżjoni ta' infurmazzjoni relatata mas-sigurtà; valutazzjonijiet tas-sigurtà; il-forniment ta' linji gwida dwar il-konfigurazzjoni tas-sigurtà; il-forniment ta' servizzi ta' detezzjoni ta' intrużjoni;~~
- (b) ~~Servizzi reattivi — il-ġestjoni u r-rispons għal inċident; il-ħruġ ta' alerti u twissijiet; analiżi tal-vulnerabbiltà u l-ġestjoni, ġestjoni tal-artefatti (li jagħtu prova ta' alerti ta' kwalità għolja fuq softwer malizzjuż ġdid (malware) u artefatti oħra).~~

~~Użu ta' soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-infurmazzjoni u tal-komunikazzjoni għal networks tal-enerġija intelliġenti u għall-forniment ta' Servizzi tal-Enerġija Intelliġenti~~

~~Is-servizzi tal-enerġija intelliġenti jużaw teknoloġiji moderni tal-infurmazzjoni u l-komunikazzjoni biex jissodisfaw il-ħtiġijiet taċ-ċittadini (li jistgħu jkunu produttori kif ukoll konsumaturi tal-enerġija), il-fornituri tal-enerġija u l-awtoritajiet pubbliċi. Is-servizzi tal-enerġija intelliġenti jkopru l-interazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-fornituri tal-enerġija, it-trasmissjoni tad-dejta minn organizzazzjoni għall-oħra, u l-komunikazzjoni minn persuna għall-oħra bejn iċ-ċittadini. Dawn jifhem opportunitajiet għal atturi eżistenti u oħrajn ġodda fis-swieq kemm tat-telekomunikazzjoni kif ukoll tal-enerġija (eż. Kumpaniji li joffru Servizzi tal-Enerġija ESCOs). Jistgħu jippermettu wkoll lil-kumpaniji u liċ-ċittadini sabiex~~



~~jitraċċaw l-emissjonijiet tal-gass serra tagħhom b'riżultat tad-deċiżjonijiet ta' xiri tagħhom.~~

#### ~~Pjattaformi tas-Servizzi Ċentrali~~

~~L-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet, tipikament użata mill-utilitajiet fi sħubija mal-operaturi tat-telekomunikazzjoni, kif ukoll il-hardwer neċessarju tal-IT li għandu jiġi inkorporat fil-komponenti tal-enerġija (eż. is-substazzjonijiet). Jinkludu wkoll is-servizzi ċentrali li jippermettu l-monitoraġġ tal-assi, il-kontroll tal-immaniġġjar tas-setgħa, l-awtomatizzazzjoni u l-ġestjoni tad-dejta u l-komunikazzjoni bejn l-atturi differenti (fornituri tas-servizzi, operaturi tan-netwerks u utilitajiet oħra, konsumaturi, eċċ.).~~

#### ~~Servizzi Ġeneriċi~~

~~Is-Servizzi Ġeneriċi tipikament se jitwasslu permezz ta' firxa wiesgħa ta' atturi ġodda u innovattivi, bħall-fornituri tas-servizz tal-enerġija, l-ESCOs, l-aggregaturi tal-enerġija li jiffaċilitaw speċjalment id-dħul ta' tipi differenti ta' SMEs lokali u l-prevenzjoni tal-monopolizzazzjoni tas-suq tal-konsumaturi.~~

~~Se jrendu l-funzjonalità disponibbli għall-konsumaturi sabiex jimmaniġġjaw id-domanda tagħhom għall-enerġija, is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli tagħhom u l-kapaċità ta' ħażna tagħhom, bil-għan li jiġi ottimizzat l-użu tagħhom tal-enerġija, jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gass serra, filwaqt li jiġu żgurati l-privatezza u s-sigurtà tad-dejta.~~

~~(a) Infrastruttura tal-kejl (metering) intelliġenti biex tkejjel u tikkomunika l-informazzjoni dwar il-konsum tal-enerġija. Is-Servizzi Ġeneriċi jinkludu wkoll tagħmir għall-immaniġġjar tal-enerġija fil-post tal-konsumatur, jiġifieri apparat ta' hardwer tal-IT assoċjat ma' netwerks taż-żona domestika li jkunu konnessi ma' kejl intelliġenti~~

~~Aġenti tas-softwer li jistgħu jiddeċiedu dwar ix-xiri/bejgħ tal-enerġija, meta jixegħlu/jitfu l-apparat b'funzjoni tas-sinjali tal-prezzijiet mill-fornitur tal-enerġija, informazzjoni dwar it-tbassir tat-temp, ġestjoni u komunikazzjoni tad-dejta, strumenti ta' kontroll u awtomatizzazzjoni u s-soluzzjonijiet tagħhom fuq in-netwerk.~~